Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2020/0267(COD)

9.3.2021

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolarment tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażat fuq teknoloġija ta' reġistru distribwit
(COM(2020)0594 – C9-0305/2020 – 2020/0267(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Johan Van Overtveldt

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

NOTA SPJEGATTIVA 96

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Regolarment tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażat fuq teknoloġija ta' reġistru distribwit (COM(2020)0594 – C9-0305/2020 – 2020/0267(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0594),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0305/2020),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-2 ta' Marzu 2021[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2021),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

[1] ĠU C xx, xx.x.2021, p. xx.
[2] ĠU C xx, xx.x.2021, p. xx.

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Strateġija dwar il-Finanzi Diġitali[32] għandha l-għan li tiżgura li l-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni tkun adattata għall-era diġitali u tikkontribwixxi għal ekonomija lesta għall-futur li taħdem għannies, inkluż billi tippermetti l-użu ta' teknoloġiji innovattivi. L-Unjoni għandha interess ta' politika ***fl-iżvilupp*** u l-promozzjoni tal-adozzjoni ta' teknoloġiji trasformattivi fis-settur finanzjarju, bħall-blockchain u t-teknoloġija ta' reġistru distribwit ("DLT"). Il-kriptoassi huma wħud mill-applikazzjonijiet ewlenin tad-DLT għall-finanzi.	(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Strateġija dwar il-Finanzi Diġitali[32] għandha l-għan li tiżgura li l-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni tkun adattata għall-era diġitali u tikkontribwixxi għal ekonomija lesta għall-futur li taħdem għannies, inkluż billi tippermetti l-użu ta' teknoloġiji innovattivi. L-Unjoni għandha interess ta' politika ***fl-esplorazzjoni, l-iżvilupp*** u l-promozzjoni tal-adozzjoni ta' teknoloġiji trasformattivi fis-settur finanzjarju, bħall-blockchain u t-teknoloġija ta' reġistru distribwit ("DLT"). Il-kriptoassi huma wħud mill-applikazzjonijiet ewlenin tad-DLT għall-finanzi.
[32] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE COM(2020)591	[32] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE COM(2020)591

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa xieraq li jingħad li r-reġim pilota huwa maħsub ukoll biex jesplora l-adozzjoni ta' teknoloġiji innovattivi, bil-ħsieb li jiġu ttestjati mudelli kummerċjali ġodda u b'hekk ikun hemm informazzjoni biex jiġu appoġġati żviluppi leġiżlattivi futuri.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-prinċipji tan-newtralità teknoloġika, tal-proporzjonalità, ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta'

kompetizzjoni, u ta' "l-istess attività, l-istess riskji, l-istess regoli" jenħtieġ li japplikaw biex jiġi żgurat li l-parteċipanti fis-suq ikollhom l-ispazju regolatorju biex jinnovaw u jirrispettaw il-valuri tat-trasparenza, l-ekwità, l-istabbiltà, il-protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur, l-obbligu ta' rendikont, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali, kif garantit mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa xieraq li jsir enfasi fuq il-prinċipji fundamentali tal-aġenda tas-CMU li għandu jkun hemm konformità magħhom minn dan ir-Regolament.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Il-finanzji diġitali jenħtieġ li jitqiesu bħala għodda essenzjali u effettiva għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) tal-Unjoni, li jkunu kapaċi jipprovdu soluzzjonijiet effettivi u rapidi adattati għall-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħhom. Barra minn hekk, il-finanzi diġitali għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu fl-eliminazzjoni tad-distakk fil-finanzjament tal-SMEs;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa xieraq li tiġi introdotta premessa fir-Regolament biex jiġi enfasizzat li r-Reġim Pilota tad-DLT jista' jikkontribwixxi fl-eliminazzjoni tad-distakk fil-finanzjament tal-SMEs.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-maġġoranza tal-kriptoassi huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ***tal-UE*** u jqajmu, fost l-oħrajn, sfidi f'termini ta' protezzjoni tal-investituri, integrità tas-suq u stabbiltà finanzjarja. Għalhekk, jeħtieġu reġim iddedikat fil-livell tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, kriptoassi oħra jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFID II)[33]. Sa fejn kriptoassi jikkwalifika bħala strument finanzjarju skont din id-Direttiva, sett sħiħ ta' regoli finanzjarji tal-Unjoni, inklużi r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar il-Prospett)[34], id-Direttiva 2013/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-Direttiva dwar it-Trasparenza)[35], ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq)[36], ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar il-Bejgħ ta' Pożizzjoni Qasira)[37], ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli)[38] u d-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-Direttiva dwar il-Finalità ta' Saldu)[39], jista' japplika għall-emittent u d-ditti tiegħu li jwettqu attivitajiet relatati miegħu. L-hekk imsejħa tokenisation tal-istrumenti finanzjarji, jiġifieri t-trasformazzjoni tagħhom fi kriptoassi biex ikunu jistgħu jinħarġu, jinħażnu u jiġu ttrasferiti fuq reġistru distribwit, hija mistennija li tiftaħ opportunitajiet għal titjib fl-effiċjenza ***fil-qasam kollu*** tan-	(2) Il-maġġoranza tal-kriptoassi huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ***tal-Unjoni*** u jqajmu, fost l-oħrajn, sfidi f'termini ta' protezzjoni tal-investituri, integrità tas-suq u stabbiltà finanzjarja. Għalhekk, jeħtieġu reġim iddedikat fil-livell tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, kriptoassi oħra jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFID II)[33]. Sa fejn kriptoassi jikkwalifika bħala strument finanzjarju skont din id-Direttiva, sett sħiħ ta' regoli finanzjarji tal-Unjoni, inklużi r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar il-Prospett)34, id-Direttiva 2013/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-Direttiva dwar it-Trasparenza)35, ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq)36, ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar il-Bejgħ ta' Pożizzjoni Qasira)37, ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli)38 u d-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-Direttiva dwar il-Finalità ta' Saldu)39, jista' japplika għall-emittent u d-ditti tiegħu li jwettqu attivitajiet relatati miegħu. L-hekk imsejħa tokenisation tal-istrumenti finanzjarji, jiġifieri t-trasformazzjoni tagħhom fi kriptoassi biex ikunu jistgħu jinħarġu, jinħażnu u jiġu ttrasferiti fuq reġistru distribwit, hija mistennija li tiftaħ opportunitajiet għal titjib fl-effiċjenza ***f'ċerti dimensjonijiet tal-***

negozjar u ta' wara n-negozjar.

qasam tan-negozjar u ta' wara n-negozjar. ***Madankollu, peress li l-kompromessi fundamentali li jinvolvu r-riskju tal-kreditu u l-likwidità jibqgħu f'dinja tokenizzata, is-suċċess tas-sistemi bbażati fuq it-token se jiddependi, tal-anqas għalissa, fuq kemm jinteraġixxu tajjeb mas-sistemi tradizzjonali bbażati fuq il-kontabbiltà.***

---

[33] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

[34] Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12)

[35] Id-Direttiva 2013/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li temenda d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/109/KE (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 13)

[36] Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq

[33] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

[34] Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12)

[35] Id-Direttiva 2013/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li temenda d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/109/KE (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 13)

[36] Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq

(Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1)

[37] Ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (ĠU L 86, 24.3.2012, p. 1).

[38] Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1)

[39] Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).

(Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1)

[37] Ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (ĠU L 86, 24.3.2012, p. 1).

[38] Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1)

[39] Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali, u tfakkira meħuda mir-rieżami Trimestrali tal-BIS, Marzu 2020, "On the future of securities settlement" (Dwar il-futur tas-saldu tat-titoli).

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni ġiet imfassla mingħajr ma tqiesu d-DLT u l-kriptoassi[40], u hemm dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni ***dwar is-servizzi finanzjarji tal-UE eżistenti*** li jistgħu jipprekludu jew	(3) Il-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni ġiet imfassla mingħajr ma tqiesu d-DLT u l-kriptoassi[40], u hemm dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni ***tal-Unjoni fis-seħħ fil-qasam tas-servizzi finanzjarji*** li jistgħu jipprekludu jew

jillimitaw l-użu tad-DLT fil-ħruġ, fin-negozjar u fis-saldu ta' kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji. Bħalissa hemm ukoll nuqqas ta' infrastrutturi tas-suq li jużaw id-DLT ***u li*** jipprovdu servizzi ta' negozjar ***u*** ta' saldu għal kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji. Mingħajr suq sekondarju li kapaċi jipprovdi likwidità u li jippermetti lill-investituri jixtru u jbigħu dawn l-assi, is-suq primarju għall-kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji qatt mhu se jespandi b'mod sostenibbli.	jillimitaw l-użu tad-DLT fil-ħruġ, fin-negozjar u fis-saldu ta' kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji. Bħalissa**,** hemm ukoll nuqqas ta' infrastrutturi tas-suq li jużaw id-DLT ***biex*** jipprovdu ***jew*** servizzi ta' negozjar ***jew*** ta' saldu għal kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji. Mingħajr suq sekondarju li kapaċi jipprovdi likwidità u li jippermetti lill-investituri jixtru u jbigħu dawn l-assi, is-suq primarju għall-kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji qatt mhu se jespandi b'mod sostenibbli.
[40] Ir-Rapport tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq b'parir dwar l-Offerti Inizjali tal-Muniti u l-Kriptoassi (ESMA50-157-1391)	[40] Ir-Rapport tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq b'parir dwar l-Offerti Inizjali tal-Muniti u l-Kriptoassi (ESMA50-157-1391)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Fl-istess ħin, jeżistu lakuni regolatorji minħabba speċifiċitajiet legali, teknoloġiċi u operazzjonali relatati mal-użu tad-DLT u ta' kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji. Pereżempju, ma hemm l-ebda rekwiżit ta' trasparenza, affidabbiltà u sikurezza impost fuq il-protokolli u l-kuntratti intelliġenti li fuqhom huma msejsa l-kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji. It-teknoloġija sottostanti tista' wkoll toħloq xi forom ġodda ta' riskji ċibernetiċi li mhumiex indirizzati b'mod xieraq mir-	(4) Fl-istess ħin, jeżistu lakuni regolatorji minħabba speċifiċitajiet legali, teknoloġiċi u operazzjonali relatati mal-użu tad-DLT u ta' kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji. Pereżempju, ma hemm l-ebda rekwiżit ta' trasparenza, affidabbiltà u sikurezza impost fuq il-protokolli u l-kuntratti intelliġenti li fuqhom huma msejsa l-kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji. It-teknoloġija sottostanti tista' wkoll toħloq xi forom ġodda ta' riskji ċibernetiċi li mhumiex indirizzati b'mod xieraq mir-

regoli eżistenti. Diversi proġetti għan-negozjar u għall-fażi ta' wara n-negozjar tal-kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji ġew żviluppati fl-Unjoni, iżda hemm biss ftit li diġà qegħdin joperaw jew dawn għandhom skala limitata. Minħabba din l-esperjenza limitata fir-rigward tan-negozjar u l-fażi ta' wara n-negozjar ta' tranżazzjonijiet fi kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji, bħalissa jkun prematur li jsiru modifiki sinifikanti fil-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni sabiex ikun possibbli l-iskjerament sħiħ ta' dawn il-kriptoassi u t-teknoloġija sottostanti tagħhom. Fl-istess ħin, il-ħolqien ta' infrastrutturi tas-suq finanzjarju għall-kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji bħalissa huwa ristrett minn xi rekwiżiti inkorporati fil-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni li ***ma jkunux*** adattati kompletament għall-kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji u għall-użu tad-DLT. Pereżempju, il-pjattaformi tan-negozjar għall-kriptoassi normalment jagħtu aċċess dirett lill-investituri fil-livell tal-konsumatur, filwaqt li ċ-ċentri tan-negozjar tradizzjonali normalment jagħtu aċċess permezz ta' intermedjarji finanzjarji.	regoli eżistenti. Diversi proġetti għan-negozjar u għall-fażi ta' wara n-negozjar tal-kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji ġew żviluppati fl-Unjoni, iżda hemm biss ftit li diġà qegħdin joperaw jew dawn għandhom skala limitata. Minħabba din l-esperjenza limitata fir-rigward tan-negozjar u l-fażi ta' wara n-negozjar ta' tranżazzjonijiet fi kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji, bħalissa jkun prematur li jsiru modifiki sinifikanti fil-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni sabiex ikun possibbli l-iskjerament sħiħ ta' dawn il-kriptoassi u t-teknoloġija sottostanti tagħhom. Fl-istess ħin, il-ħolqien ta' infrastrutturi tas-suq finanzjarju għall-kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji bħalissa huwa ristrett minn xi rekwiżiti inkorporati fil-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni li ***mhumiex*** adattati kompletament għall-kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji u għall-użu tad-DLT. Pereżempju, il-pjattaformi tan-negozjar għall-kriptoassi normalment jagħtu aċċess dirett lill-investituri fil-livell tal-konsumatur, filwaqt li ċ-ċentri tan-negozjar tradizzjonali normalment jagħtu aċċess permezz ta' intermedjarji finanzjarji.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex ikun possibbli l-iżvilupp tal-kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji u tad-DLT, filwaqt li jinżamm	(5) Sabiex ikun possibbli l-iżvilupp tal-kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji bbażati fuq id-DLT, filwaqt li

livell għoli ta' stabbiltà finanzjarja, integrità tas-suq, trasparenza u protezzjoni tal-investituri, ikun utli li jinħoloq reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Jenħtieġ li reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jippermetti li dawn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiġu temporanjament eżentati minn xi rekwiżiti speċifiċi skont il-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni li altrimenti jistgħu jżommuhom milli jiżviluppaw soluzzjonijiet għan-negozjar u għas-saldu ta' tranżazzjonijiet fi kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji. Jenħtieġ ukoll li r-reġim pilota jippermetti lill-Awtoritajiet Ewropej tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u lill-awtoritajiet kompetenti jiksbu esperjenza dwar l-opportunitajiet u r-riskji speċifiċi maħluqa mill-kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji, u mit-teknoloġija sottostanti tagħhom.	jinżamm livell għoli ta' stabbiltà finanzjarja, integrità tas-suq, trasparenza u protezzjoni tal-investituri, ikun utli li jinħoloq reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Jenħtieġ li reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jippermetti li dawn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiġu temporanjament eżentati minn xi rekwiżiti speċifiċi skont il-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni li altrimenti jistgħu jżommuhom milli jiżviluppaw soluzzjonijiet għan-negozjar u għas-saldu ta' tranżazzjonijiet fi kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji. Jenħtieġ ukoll li r-reġim pilota jippermetti lill-Awtoritajiet Ewropej tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u lill-awtoritajiet kompetenti jiksbu esperjenza dwar l-opportunitajiet u r-riskji speċifiċi maħluqa mill-kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji, u mit-teknoloġija sottostanti tagħhom. ***L-esperjenza miksuba bir-reġim pilota għandha għalhekk tgħin biex jiġu identifikati proposti prattiċi possibbli għal qafas regolatorju xieraq sabiex isiru aġġustamenti mmirati għal-liġi eżistenti tal-Unjoni li jinvolvu l-ħruġ, is-salvagwardja u l-amministrazzjoni tal-assi, in-negozjar u s-saldu ta' strumenti finanzjarji bbażati fuq id-DLT.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali. Barra minn hekk, huwa xieraq li jissemma b'mod espliċitu li l-esperjenza miksuba bir-reġim pilota tal-DLT għandha tkun ta' bażi għal żviluppi leġislattivi futuri.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li infrastruttura tas-suq tad-DLT tiġi ddefinita ***jew*** bħala faċilità	(7) Jenħtieġ li infrastruttura tas-suq tad-DLT tiġi ddefinita bħala faċilità

multilaterali tan-negozjar tad-DLT (MTF tad-DLT) ***jew bħala*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT.

multilaterali tan-negozjar tad-DLT (MTF tad-DLT)***,*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ***(SSS tad-DLT), jew sistema ta' negozjar u saldu tal-DLT (TSS tad-DLT)***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Ir-Rapporteur jipproponi li infrastruttura tas-suq tad-DLT li hija awtorizzata twettaq kemm servizzi ta' negozjar kif ukoll ta' wara n-negozjar għandha titqies bħala t-tielet tip ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT fis-sens ta' dan ir-Regolament: sistema ta' Negozjar u ta' Saldu tad-DLT (TSS). Tali entità tkun tikkostitwixxi tip kompetament ġdid ta' infrastruttura tas-suq u ma għandhiex tkun konfuża ma' MTF tad-DLT jew ma' SSS tad-DLT.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Jenħtieġ li MTF tad-DLT tkun faċilità multilaterali tan-negozjar li titħaddem minn ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li ***jopera n-negozju jew*** suq regolat u forsi s-suq regolat innifsu, awtorizzat skont id-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFID II), u li jkun irċieva permess speċifiku skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li din l-MTF tad-DLT ***tkun soġġetta*** għar-rekwiżiti kollha applikabbli għal faċilità multilaterali tan-negozjar ***skont il-qafas*** tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFID II), tar-Regolament UE Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFIR)[41] , jew ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni ***dwar is-servizzi*** finanzjarji tal-UE ***oħra***, għajr jekk ***din tkun ingħatat*** eżenzjoni waħda jew aktar mill-awtorità nazzjonali kompetenti ***tagħha***, skont dan ir-Regolament u d-

Emenda

(8) Jenħtieġ li MTF tad-DLT tkun faċilità multilaterali tan-negozjar li titħaddem minn ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li ***joperaw negozju ta'*** suq regolat u forsi s-suq regolat innifsu, awtorizzat skont id-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFID II), u li jkun irċieva permess speċifiku skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li din l-MTF tad-DLT ***u l-operatur tagħha jkunu soġġetti*** għar-rekwiżiti kollha applikabbli għal faċilità multilaterali tan-negozjar ***u l-operatur tagħha fil-qafas*** tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFID II), tar-Regolament UE Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFIR)[41], jew ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni ***applikabbli oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi*** finanzjarji tal-UE, għajr jekk ***l-operatur tal-MTF tad-DLT ikun ingħata*** eżenzjoni

Direttiva (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42].	waħda jew aktar mill-awtorità nazzjonali kompetenti ***tiegħu***, skont dan ir-Regolament u d-Direttiva (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42].
[41] Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).	[41] Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).
[42] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2009/65/KE, 2009/138/UE, 2011/61/UE, EU/2013/36, 2014/65/UE, (UE) 2015/2366 u EU/2016/2341 - COM(2020)596	[42] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2009/65/KE, 2009/138/UE, 2011/61/UE, EU/2013/36, 2014/65/UE, (UE) 2015/2366 u EU/2016/2341 - COM(2020)596

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ċerti rekwiżiti huma applikabbli għall-operatur tal-infrastruttura tas-suq.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit, bit-tranżazzjonijiet kollha rreġistrati f'reġistru ***deċentralizzat***, jista' jħaffef u jqassar in-negozjar u s-saldu qrib għall-ħin reali u jista' jippermetti l-fużjoni ta' attivitajiet ta' negozjar u ta' wara n-negozjar. ***Madankollu, ir-regoli attwali jipprevedu l-prestazzjoni*** ta' attivitajiet ta' negozjar u ***saldu minn infrastrutturi tas-suq separati.*** Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) jeħtieġ li l-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar skont it-	(9) L-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit, bit-tranżazzjonijiet kollha rreġistrati f'reġistru ***distribwit***, jista' jħaffef u jqassar in-negozjar u s-saldu qrib għall-ħin reali u jista' jippermetti l-fużjoni ta' attivitajiet ta' negozjar u ta' wara n-negozjar. ***Il-kombinazzjoni*** ta' attivitajiet ta' negozjar u ***ta' wara n-negozjar f'entità legali unika bħalissa mhijiex permessa , irrispettivament mit-teknoloġija, minħabba għażliet ta' politika relatati mal-ispeċjalizzazzjoni tar-riskju u l-promozzjoni tas-separazzjoni sabiex titħeġġeġ il-kompetizzjoni.*** Ir-regoli attwali jipprevedu l-prestazzjoni ta' attivitajiet ta'

tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFID II) jiġu rreġistrati ma' depożitorju ċentrali tat-titoli ***("CSD"), filwaqt li reġistru distribwit jista' potenzjalment jintuża bħala verżjoni deċentralizzata ta' dan id-depożitorju.*** Għalhekk, ikun iġġustifikat li ***MTF*** tad-DLT titħalla ***twettaq xi attivitajiet*** li normalment jitwettqu ***minn CSD***. Għalhekk, waqt l-għoti ***tal-eżenzjoni***(jiet) rilevanti, jenħtieġ li ***MTF*** tad-DLT titħalla tiżgura ***r-reġistrar*** inizjali ta' titoli trasferibbli tad-DLT, is-saldu ta' tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT u s-salvagwardja ta' titoli trasferibbli tad-DLT.

negozjar u saldu minn infrastrutturi tas-suq separati. Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli***, CSDR***) jeħtieġ li l-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFID II) jiġu rreġistrati ma' depożitorju ċentrali tat-titoli ***(CSD)***. Għalhekk, ikun iġġustifikat li ***l-infrastruttura tas-suq*** tad-DLT titħalla ***tikkombina l-attivitajiet*** li normalment jitwettqu ***kemm mill-MTFs kif ukoll mill-SSSs***. Għalhekk, waqt l-għoti ***tal-permess(i)*** rilevanti, jenħtieġ li ***infrastruttura tas-suq*** tad-DLT titħalla tiżgura***, fost oħrajn, in-negozjar ta' titoli trasferibbli tad-DLT, ir-reġistrar*** inizjali ta' titoli trasferibbli tad-DLT, is-saldu ta' tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT u s-salvagwardja ta' titoli trasferibbli tad-DLT.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa hija marbuta mad-definizzjoni ta' DLT (EM 46). Ir-Rapporteur jemmen li hemm bżonn ta' aktar ħidma fuq din id-definizzjoni. Barra minn hekk, l-abbozz tar-Regolament xi drabi jidher li jħallat il-kunċetti ta' "permess" u "eżenzjoni". Fl-opinjoni tar-Rapporteur, il-fatt li MTF tad-DLT titħalla tidħol f'attivitajiet ta' saldu tat-titoli jammonta għal permess; ladarba jingħata dan il-permess, l-eżenzjonijiet meħtieġa (mis-CSDR) iridu jingħataw biex l-ambjent tad-DLT jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT tkun sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-	(10) Jenħtieġ li ***SSS*** tad-DLT tkun sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-

Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) li jkun irċieva permess speċifiku skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u s-CSD li jħaddimha, jkunu soġġetti għar-rekwiżiti ***rilevanti*** tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), għajr meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun tat eżenzjoni waħda jew aktar lis-CSD li jħaddem is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, f'konformità ma' dan ir-Regolament.	Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) li jkun irċieva permess speċifiku skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u s-CSD li jħaddimha, jkunu soġġetti għar-rekwiżiti ***kollha applikabbli għal sistema ta' saldu tat-titoli u s-CSD operattiv tagħha fil-qafas*** tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli***, CSDR***), ***id-Direttiva 98/26/KE (id-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu), jew kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji***, għajr meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun tat eżenzjoni waħda jew aktar lis-CSD li jħaddem is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa xieraq li jiġi enfasizzat li "kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-UE fil-qasam tas-servizzi finanzjarji" minbarra s-CSDR u d-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu tapplika wkoll. Barra minn hekk, ċerti rekwiżiti huma applikabbli għall-operatur tal-infrastruttura tas-suq.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Jenħtieġ li TSS tad-DLT tkun infrastruttura tas-suq tad-DLT operata minn ditta tal-investiment, operatur tas-suq, jew depożitorju ċentrali tat-titoli, li tirċievi permess speċifiku fis-sens ta' dan ir-Regolament biex tikkombina l-attivitajiet kemm ta' MTF tad-DLT kif ukoll ta' SSS tad-DLT. Jenħtieġ li t-TSS tad-DLT u l-operatur tagħha jkunu awtorizzati taħt id-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, MiFID II) u r-Regolament

(UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli, CSDR). TSS tad-DLT u l-operatur tagħha jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli kemm għal MTF tad-DLT kif ukoll għal SSS tad-DLT, kif ukoll għall-operaturi tagħhom, taħt dan ir-Regolament, u jenħtieġ li, fejn rilevanti, ikollhom il-possibbiltà li jingħataw l-istess eżenzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Ir-Rapporteur jipproponi li infrastruttura tas-suq tad-DLT li hija awtorizzata twettaq kemm servizzi ta' negozjar kif ukoll ta' wara n-negozjar għandha titqies bħala t-tielet tip ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT fis-sens ta' dan ir-Regolament: Sistema ta' Negozjar u ta' Saldu tad-DLT (TSS). Tali entità tkun tikkostitwixxi tip kompetament ġdid ta' infrastruttura tas-suq u ma għandhiex tkun konfuża ma' MTF tad-DLT jew ma' SSS tad-DLT.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li ***MTF tad-DLT jew CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT jammettu għan-negozjar jew jirreġistraw biss titoli trasferibbli tad-DLT ***fir-reġistru*** distribwit ***tagħhom***. Jenħtieġ li t-titoli trasferibbli tad-DLT ikunu kriptoassi li jikkwalifikaw bħala "titoli trasferibbli" skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFID II) u li jinħarġu, jiġu trasferiti u jinħażnu f'reġistru distribwit.	(11) Jenħtieġ li ***infrastrutturi tas-suq*** tad-DLT jammettu għan-negozjar jew jirreġistraw biss titoli trasferibbli tad-DLT ***f'reġistru*** distribwit. Jenħtieġ li t-titoli trasferibbli tad-DLT ikunu kriptoassi li jikkwalifikaw bħala "titoli trasferibbli" skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFID II)***, bl-eċċezzjoni ta' riċevuti ta' depożitu,*** u li jinħarġu, jiġu trasferiti u jinħażnu f'reġistru distribwit. ***L-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jenħtieġ li jassumu r-responsabbiltà għar-riskji relatati mal-funzjonament tad-DLT li joperaw, b'mod partikolari r-riskji ta' trasparenza tar-reġistru, ir-riskji ċibernetiċi u r-riskji operattivi.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Alignment to ensure a common logic behind the requirements for DLT market infrastructures. It is more appropriate here to use the generic term of DLT market infrastructures (which also include the DLT TSS). Furthermore, the definition of "DLT transferable securities" refers to Article 4 (1) (44) (a) and (b) of MiFID II, which not only includes shares and bonds, but also depositary receipts in respect of shares or bonds. In a DLT environment, shares and bonds could be considered as "native" security tokens while depository receipts can be considered as "asset-backed" security tokens representing ownership rights of an underlying traditional share or bond. It needs to be clarified that the Regulation only applies to so-called "native" security tokens (i.e. shares and bonds that are created/issued on DLT and have no existence outside the DLT ledger). The understanding of your Rapporteur that this Regulation only applies to "native" security tokens is based on the limitations in Article 3 that only apply to shares and bonds (and not depository receipts). Finally, it is suggested to make it fully clear that the liability for the functioning of the particular DLT used should remain with the DLT market infrastructures.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex l-innovazzjoni u l-esperimentazzjoni f'ambjent regolatorju sod ikunu possibbli filwaqt li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ li t-tip ta' titoli trasferibbli***, *ammessi għan-negozjar fuq MTF tad-DLT jew irreġistrati f'CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT, ***ikunu limitati*** għal titoli, bħal ishma u bonds ***li mhumiex likwidi***. ***Sabiex jiġi ddeterminat jekk sehem jew bond huwiex likwidu jew le, jenħtieġ li dan*** ir-Regolament ***jistabbilixxi xi limiti ta' valur***. Sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' kwalunkwe riskju għall-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ ukoll li l-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrati minn ***CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT***,*** jew ***ammessi għan-negozjar*** minn ***MTF*** tad-DLT, ikun limitat. ***Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jinżammu milli jammettu għan-negozjar***	(12) Sabiex l-innovazzjoni u l-esperimentazzjoni f'ambjent regolatorju sod ikunu possibbli filwaqt li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ li t-tip ta' titoli trasferibbli ***sservizzjati minn infrastruttura tas-suq*** tad-DLT, ***ikun limitat*** għal titoli, bħal ishma u bonds. ***taħt il-limiti tal-valur stabbiliti f'dan*** ir-Regolament. Sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' kwalunkwe riskju għall-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ ukoll li l-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrati minn ***SSS*** tad-DLT jew minn ***TSS*** tad-DLT, ikun limitat. Sabiex jiġi vverifikat li t-titoli trasferibbli tad-DLT, innegozjati f'infrastruttura tas-suq tad-DLT jew irreġistrati minnha, jissodisfaw il-kundizzjonijiet imposti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jitolbu li dawn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jippreżentaw

jew jirreġistraw fir-reġistru distribwit il-bonds sovrani. Sabiex jiġi vverifikat li t-titoli trasferibbli tad-DLT, innegozjati f'infrastruttura tas-suq tad-DLT jew irreġistrati minnha, jissodisfaw il-kundizzjonijiet imposti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***jitħallew*** jitolbu li dawn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jippreżentaw rapporti.

rapporti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Alignment to ensure a common logic behind the requirements for DLT market infrastructures. It is more appropriate here to use the generic term of DLT market infrastructures (which also include the DLT TSS). Moreover, the thresholds defined in the Regulation are not a measure of liquidity as only related to the issuance/market cap size (without taking into account the number of transactions performed). Considering the shares and bonds as 'not liquid' is therefore misleading. Furthermore, for consistency reasons, the Regulation should either refer to the operators of the DLT market infrastructures or to the market infrastructure itself, for both the DLT MTF and the DLT SSS. In addition, the total market value of DLT transferable securities admitted to trading by a DLT MTF is not limited under Article 3.3. of this regulation. Finally, it is suggested to delete the exclusion of sovereign bonds.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex jiġu ***żgurati kundizzjonijiet ekwi*** ma' titoli trasferibbli ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar tradizzjonali skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFID II) u ***livell għoli*** ta' integrità tas-suq, jenħtieġ li t-titoli trasferibbli tad-DLT, ammessi għan-negozjar f'MTF tad-DLT, ikunu dejjem soġġetti għad-dispożizzjonijiet li jipprojbixxu l-abbuż tas-suq fir-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq).	(13) Sabiex jiġu ***eliminati kemm jista' jkun id-distorsjonijiet tal-kundizzjonijiet ekwivalenti*** ma' titoli trasferibbli ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar tradizzjonali skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFID II) u ***sabiex jiġu żgurati livelli għolja*** ta' integrità tas-suq, ***ta' protezzjoni tal-investitur u ta' stabbilità finanzjarja,*** jenħtieġ li t-titoli trasferibbli tad-DLT, ammessi għan-negozjar f'MTF ***tad-DLT jew f'SSS*** tad-DLT, ikunu dejjem soġġetti għad-dispożizzjonijiet li jipprojbixxu l-

abbuż tas-suq fir-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Barra minn hekk, dejjem se jibqa' jkun hemm kwistjonijiet ta' kundizzjonijiet ekwivalenti bejn l-entitajiet attivi fi ħdan ir-reġim pilota tad-DLT u l-entitajiet li ma jaqgħux taħt ir-reġim pilota tad-DLT.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Jenħtieġ li MTF tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni waħda jew aktar fuq bażi temporanja, kif elenkat ***skont dan*** ir-Regolament, li għandhom jingħataw mill-awtorità kompetenti, jekk din tikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn l-eżenzjonijiet kif ukoll mar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti ***skont dan*** ir-Regolament biex jiġu indirizzati forom ġodda ta' riskji li jirriżultaw mill-użu tad-DLT. Jenħtieġ ukoll li ***l-MTF*** tad-DLT tikkonforma ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens imposta mill-awtorità kompetenti sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjoni li għaliha tkun intalbet eżenzjoni.	(14) Jenħtieġ li MTF tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni waħda jew aktar fuq bażi temporanja, kif elenkat ***f'dan*** ir-Regolament, li għandhom jingħataw mill-awtorità kompetenti ***wara li l-EMSA tkun ħarġet ir-rakkomandazzjoni tagħha***, jekk din tikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn l-eżenzjonijiet kif ukoll mar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti ***f'dan*** ir-Regolament biex jiġu indirizzati forom ġodda ta' riskji li jirriżultaw mill-użu tad-DLT. Jenħtieġ ukoll li ***MTF*** tad-DLT tikkonforma ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens ***jew kwalunkwe miżura korrettiva*** imposta mill-awtorità kompetenti sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjoni li għaliha tkun intalbet eżenzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bil-għan li jiġu żgurati l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti differenti madwar l-Unjoni u b'hekk jitrawmu kundizzjonijiet ekwivalenti, ir-Rapporteur jissuġġerixxi li l-ESMA toħroġ rakkomandazzjoni minflok opinjoni mhux vinkolanti. Għad-differenza ta' opinjoni tal-ESMA, rakkomandazzjoni tal-ESMA hija

bbażata fuq approċċ ta' "jew tikkonforma jew tispjega", skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 (ir-Regolament ESMA).

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) ***Meta strument finanzjarju jiġi ammess għan-negozjar f'MTF, dan għandu jiġi rreġistrat ma' Depożitorju Ċentrali tat-Titoli awtorizzat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorju Ċentrali tat-Titoli). Filwaqt li r-reġistrar ta' titolu trasferibbli*** u ***s-saldu ta' tranżazzjonijiet relatati jistgħu potenzjalment iseħħu f'reġistru*** distribwit***, ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jimponi intermedjazzjoni minn CSD u jobbliga*** li ***r-reġistrar jiġi rreplikat fir-reġistru distribwit fil-livell tas-CSD,*** u ***dan potenzjalment jimponi sovrappożizzjoni funzjonalment superfluwa għaċ-ċiklu tal-ħajja kummerċjali ta' strument finanzjarju ġestit minn infrastrutturi tas-suq tad-DLT soġġetti*** għal ***dan ir-Regolament. Għalhekk,*** jenħtieġ li ***MTF tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni mir-rekwiżit tal-entrati fil-kotba u mir-reġistrar ma' CSD stabbiliti bir-Regolament*** (UE) Nru 909/2014, ***meta l-MTF tad-DLT tikkonforma ma' rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għal CSD. Jenħtieġ li l-MTF tad-DLT*** tirreġistra t-titoli trasferibbli ***fir-reġistru*** distribwit ***tagħha***, tiżgura l-integrità tal-ħruġ fir-reġistru distribwit, tistabbilixxi u żżomm proċeduri biex tiżgura s-salvagwardja tat-titoli trasferibbli tad-DLT, tlesti s-saldu tat-tranżazzjonijiet, u tipprevjeni l-fallimenti tas-saldu.	(15) ***Ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jopera MTF tad-DLT għandu jkun jista' jirreġistra*** u ***jsalda titoli trasferibbli tad-DLT fuq reġistru*** distribwit ***. F'każ bħal dan, jenħtieġ li l-MTF tad-DLT titqies bħala TSS tad-DLT*** u ***jenħtieġ li, minbarra r-rekwiżiti applikabbli għal MTF tad-DLT, tikkonforma mal-istess rekwiżiti applikabbli*** għal ***SSS tad-DLT u*** jenħtieġ li***, fost rekwiżiti oħra stabbiliti fir-Regolament*** (UE) Nru 909/2014, tirreġistra t-titoli trasferibbli ***f'reġistru*** distribwit, tiżgura l-integrità tal-ħruġ fir-reġistru distribwit, tistabbilixxi u żżomm proċeduri biex tiżgura s-salvagwardja tat-titoli trasferibbli tad-DLT, tlesti s-saldu tat-tranżazzjonijiet, u tipprevjeni l-fallimenti tas-saldu. ***L-eżenzjonijiet minn dawk ir-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-MTFs tad-DLT u l-SSSs tad-DLT jenħtieġ li jkunu disponibbli wkoll għat-TSSs tad-DLT.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Most of the original recital is not required anymore as it was justifying the exemption from CSDR Article 3(2) (recording securities in book-entry form in a CSD). Your Rapporteur thus suggests to redraft the recital and mention that the DLT MTF can be permitted to record and settle DLT transferable securities. It would then be a DLT TSS, be obliged to apply the same requirements as a DLT SSS, and have the possibility to request the same exemptions as a DLT TSS. To be noted, in case the "book-entry form" is not compatible with the DLT used, it is foreseen that the DLT SSS/DLT TSS is able to request an exemption from this requirement under the Article 5 of this Regulation.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Meta twettaq is-saldu ta' tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT, jenħtieġ li l-MTF tad-DLT tiżgura li l-ħlas għal titoli trasferibbli tad-DLT mix-xerrej iseħħ fl-istess ħin li t-titoli trasferibbli tad-DLT jiġu kkonsenjati mill-bejjiegħ (kunsenja kontra ħlas). Meta jkun prattikabbli u disponibbli, jenħtieġ li l-ħlasijiet fi flus kontanti jitħallsu permezz ta' flus tal-bank ċentrali u, meta ma jkunx prattikabbli jew disponibbli, permezz ta' flus tal-banek kummerċjali. Sabiex jiġu ttestjati soluzzjonijiet innovattivi u biex il-ħlasijiet fi flus kontanti jkunu jistgħu jsiru f'reġistru distribwit, jenħtieġ ukoll li l-MTFs tad-DLT jitħallew jużaw l-hekk imsejħa muniti tas-saldu, jiġifieri flus tal-banek kummerċjali f'forma tokenizzata, jew tokens tal-flus elettroniċi kif iddefinit fir-Regolament Nru 2021/XX dwar is-Swieq fil-Kriptoassi[43]. Meta tuża l-flus tal-banek kummerċjali għall-ħlasijiet fi flus kontanti, jenħtieġ li l-MTF tad-DLT tillimita r-riskju tal-kontroparti billi tistabbilixxi u tissorvelja l-aderenza għal kriterji stretti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu użati għas-saldu ta' ħlasijiet fi flus kontanti, bħar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tagħhom, l-affidabbiltà kreditizja, il-	(16) Jenħtieġ li TSS tad-DLT tiżgura li l-ħlas għal titoli trasferibbli tad-DLT mix-xerrej iseħħ fl-istess ħin li t-titoli trasferibbli tad-DLT jiġu kkonsenjati mill-bejjiegħ (kunsenja kontra ħlas). Meta jkun prattikabbli u disponibbli, jenħtieġ li l-komponent ta' pagament jitħallas permezz ta' flus tal-bank ċentrali jew, meta ma jkunx prattikabbli jew disponibbli, permezz ta' flus tal-banek kummerċjali. Sabiex jiġu ttestjati soluzzjonijiet innovattivi u biex il-komponent ta' pagament ikun jista' jsir f'reġistru distribwit, jenħtieġ ukoll li TSS tad-DLT titħalla tuża l-hekk imsejħa muniti tas-saldu, jiġifieri flus tal-banek kummerċjali f'forma tokenizzata, jew tokens tal-flus elettroniċi kif iddefinit fir-Regolament Nru 2021/XX dwar is-Swieq fil-Kriptoassi[43]. Meta tuża l-flus tal-banek kummerċjali għall-komponent ta' pagament, jenħtieġ li l-TSS tad-DLT tillimita r-riskju tal-kontroparti billi tistabbilixxi u tissorvelja l-aderenza għal kriterji stretti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu użati għas-saldu tal-komponent ta' pagament, bħar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tagħhom, l-affidabbiltà kreditizja, il-kapitalizzazzjoni, l-aċċess għal-likwidità u l-affidabilità

kapitalizzazzjoni, l-aċċess għal-likwidità u l-affidabilità operazzjonali.	operazzjonali.
[43] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fil-kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 – COM(2020)593	[43] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fil-kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 – COM(2020)593

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali u allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Biex tingħata eżenzjoni skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-MTF tad-DLT turi li l-eżenzjoni hija proporzjonata u limitata għall-użu tad-DLT kif deskritt fil-pjan tan-negozju tagħha u li l-eżenzjoni mitluba hija limitata għall-MTF tad-DLT u mhux estiża għal kwalunkwe MTF oħra mħaddma mill-istess ditta tal-investiment jew operatur tas-suq.	(18) Biex tingħata eżenzjoni skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-MTF tad-DLT turi li l-eżenzjoni ***mitluba*** hija proporzjonata u limitata għall-użu tad-DLT kif deskritt fil-pjan tan-negozju tagħha u li l-eżenzjoni mitluba hija limitata għall-MTF tad-DLT u mhux estiża għal kwalunkwe MTF oħra mħaddma mill-istess ditta tal-investiment jew operatur tas-suq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Jenħtieġ li ***CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT ***ikun*** kapaċi ***jitlob*** eżenzjoni waħda jew aktar fuq bażi temporanja, kif elenkat ***skont dan*** ir-Regolament, li għandhom jingħataw mill-awtorità kompetenti ***rilevanti***, jekk ***dan ikun ikkonforma*** mal-kundizzjonijiet ***ta'*** dawn l-eżenzjonijiet kif ukoll mar-rekwiżiti addizzjonali biex jiġu indirizzati forom ġodda ta' riskji li jirriżultaw mill-użu tad-DLT. Jenħtieġ ***li s-CSD*** li ***jħaddem is-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT ***jikkonforma*** ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens imposta mill-awtorità kompetenti sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjoni li għaliha tkun intalbet eżenzjoni.	(19) Jenħtieġ li ***SSS*** tad-DLT ***tkun*** kapaċi ***titlob*** eżenzjoni waħda jew aktar fuq bażi temporanja, kif elenkat ***f'dan*** ir-Regolament, li għandhom jingħataw mill-awtorità kompetenti ***wara li tkun ikkonsultat mal-EMSA***, jekk ***din tikkonforma*** mal-kundizzjonijiet ***marbuta ma'*** dawn l-eżenzjonijiet kif ukoll mar-rekwiżiti addizzjonali ***stabbiliti f'dan ir-Regolament*** biex jiġu indirizzati forom ġodda ta' riskji li jirriżultaw mill-użu tad-DLT. Jenħtieġ ***ukoll*** li ***l-SSS*** tad-DLT ***tikkonforma*** ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens ***jew kwalunkwe miżura korrettiva*** imposta mill-awtorità kompetenti sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjoni li għaliha tkun intalbet eżenzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali u allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Din il-modifika għandha l-għan li tirrifletti l-premessa (14) applikabbli għad-DLT MTF. Għal raġunijiet ta' konsistenza, ir-Regolament għandu jew jirreferi għall-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jew għall-infrastruttura tas-suq innifisha, kemm għall-MTF tad-DLT kif ukoll għall-SSS tad-DLT. Tista' tkun meħtieġa aktar razzjonalizzazzjoni fir-Regolament kollu f'dan ir-rigward.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Jenħtieġ li CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli jitħalla jitlob eżenzjonijiet minn dispożizzjonijiet differenti li x'aktarx joħolqu ostakli regolatorji għall-iżvilupp ta' sistemi ta' saldu tat-titoli għal titoli trasferibbli. Pereżempju, jenħtieġ li CSD ikun kapaċi jitlob ***eżenzjoni minn*** xi	(20) Jenħtieġ li CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli jitħalla jitlob eżenzjonijiet minn dispożizzjonijiet differenti li x'aktarx joħolqu ostakli regolatorji għall-iżvilupp ta' sistemi ta' saldu tat-titoli għal titoli trasferibbli. Pereżempju, jenħtieġ li CSD ikun kapaċi jitlob ***li*** xi definizzjonijiet tar-

definizzjonijiet tar-Regolament (UE) 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), bħall-kunċett ta' "forma dematerjalizzata", kont ta' titoli", "ordnijiet ta' trasferiment" kif ukoll eżenzjonijiet minn dispożizzjonijiet li jirreferu għall-kunċett ta' "kont ta' titoli", bħar-regoli dwar ir-reġistrar tat-titoli, l-integrità tal-ħruġ jew is-segregazzjoni tal-kontijiet. Is-CSDs iħaddmu sistema ta' saldu tat-titoli billi jikkreditaw u jiddebitaw il-kontijiet tat-titoli tal-parteċipanti tagħhom. Madankollu, kontijiet tat-titoli biż-żamma tal-kotba b'kontroentrati (jew b'entrati multipli) mhux dejjem jistgħu jeżistu f'sistema tad-DLT. Għalhekk, jenħtieġ li CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT ikun kapaċi jitlob eżenzjoni mir-regoli li jirreferu għall-kunċett ta' "kont ta' titoli" jew ta' "forma dematerjalizzata" jekk ikun meħtieġ li jitħalla r-reġistrar ta' titoli trasferibbli tad-DLT f'reġistru distribwit, ***biex tiġi żgurata*** l-integrità tal-ħruġ tat-titoli trasferibbli tad-DLT fir-reġistru distribwit u s-segregazzjoni tat-titoli trasferibbli tad-DLT li jappartjenu għal diversi parteċipanti.	Regolament (UE) 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) ***ma japplikawx***, bħall-kunċett ta' "forma dematerjalizzata", kont ta' titoli", "ordnijiet ta' trasferiment" kif ukoll eżenzjonijiet minn dispożizzjonijiet li jirreferu għall-kunċett ta' "kont ta' titoli", bħar-regoli dwar ir-reġistrar tat-titoli, l-integrità tal-ħruġ jew is-segregazzjoni tal-kontijiet. Is-CSDs iħaddmu sistema ta' saldu tat-titoli billi jikkreditaw u jiddebitaw il-kontijiet tat-titoli tal-parteċipanti tagħhom. Madankollu, kontijiet tat-titoli biż-żamma tal-kotba b'kontroentrati (jew b'entrati multipli) mhux dejjem jistgħu jeżistu f'sistema tad-DLT. Għalhekk, jenħtieġ li CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT ikun kapaċi jitlob eżenzjoni mir-regoli li jirreferu għall-kunċett ta' "kont ta' titoli" jew ta' "forma dematerjalizzata" jekk ikun meħtieġ li jitħalla r-reġistrar ta' titoli trasferibbli tad-DLT f'reġistru distribwit***. Madankollu*** , ***kwalunkwe CSD li jħaddem SSS tad-DLT xorta jkun jeħtieġ jiżgura*** l-integrità tal-ħruġ tat-titoli trasferibbli tad-DLT fir-reġistru distribwit u s-segregazzjoni tat-titoli trasferibbli tad-DLT li jappartjenu għal diversi parteċipanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali u allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Barra minn hekk, ir-Rapporteur jissuġġerixxi li jiġi ċċarat kompletament il-fatt li s-CSDs għandhom il-mandat li jiżguraw l-integrità tal-ħruġ trasferibbli ta' titoli ttad-DLT bi kwalunkwe mezz ieħor jekk ma jużawx kontijiet ta' titoli (il-formulazzjoni korrispondenti għar-rekwiżit simili għall-MTFs diġà hija ċara biżżejjed fil-proposta tal-KE).

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) SSS tad-DLT għandha tkun tista' titħalla, fuq talba tagħha, tiġi ammessa għan-negozjar ta' titoli trasferibbli DLT u twettaq rwoli simili bħal dawk imwettqa minn DLT MTF. F'każ bħal dan, SSS tad-DLT għandha titqies bħala TSS tad-DLT u, minbarra r-rekwiżiti applikabbli għal SSS tad-DLT, għandha tikkonforma mal-istess rekwiżiti bħal dawk li japplikaw għal MTF tad-DLT. L-eżenzjonijiet minn dawk ir-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-MTFs tad-DLT u l-SSSs tad-DLT jenħtieġ li jkunu disponibbli wkoll għat-TSSs tad-DLT.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti, jenħtieġ li SSS tad-DLT titħalla twettaq ir-rwoli ta' MTF tad-DLT, bl-istess mod kif MTF tad-DLT titħalla twettaq ir-rwoli ta' SSS tad-DLT.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), CSD jista' biss jesternalizza waħda mill-attivitajiet ewlenin tiegħu wara li jirċievi awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti. Is-CSD huwa meħtieġ ukoll li jirrispetta diversi kundizzjonijiet, sabiex l-esternalizzazzjoni ma tirriżultax f'delega tar-responsabbiltà tiegħu jew f'modifika tal-obbligi tas-CSD lejn il-parteċipanti jew l-emittenti tiegħu. Skont il-pjan tan-negozju tiegħu, CSD li jħaddem sistema ta'	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

saldu tat-titoli tad-DLT jista' jkun lest li jaqsam ir-responsabbiltà li jħaddem ir-reġistru distribwit tiegħu li fih jiġu rreġistrati t-titoli trasferibbli ma' entitajiet oħra, inkluż mal-parteċipanti tiegħu. Jenħtieġ li s-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni mir-rekwiżiti tal-esternalizzazzjoni biex jiġu żviluppati dawn il-mudelli ta' negozju innovattivi. F'każ bħal dan, jenħtieġ li dawn juru li d-dispożizzjonijiet dwar l-esternalizzazzjoni huma inkompatibbli mal-użu tad-DLT kif previst fil-pjan tan-negozju tagħhom u jenħtieġ ukoll li juru li ntlaħqu xi rekwiżiti minimi dwar l-esternalizzazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) L-entitajiet li huma eliġibbli li jipparteċipaw f'CSD kopert bir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) huma bbażati fuq l-entitajiet li huma eliġibbli li jipparteċipaw f'sistema ta' saldu tat-titoli li hija nnominata u nnotifikata skont id-Direttiva 98/26/KE (id-Direttiva dwar Finalità tas-Saldu) minħabba li r-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) jeħtieġ li s-sistemi ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSDs jiġu nnominati u nnotifikati skont id-Direttiva 98/26/KE. ***Sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT li tapplika biex tiġi eżentata mir-rekwiżiti ta' parteċipazzjoni tar-	(23) L-entitajiet li huma eliġibbli li jipparteċipaw f'CSD kopert bir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) huma bbażati fuq l-entitajiet li huma eliġibbli li jipparteċipaw f'sistema ta' saldu tat-titoli li hija nnominata u nnotifikata skont id-Direttiva 98/26/KE (id-Direttiva dwar Finalità tas-Saldu) minħabba li r-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) jeħtieġ li s-sistemi ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSDs jiġu nnominati u nnotifikati skont id-Direttiva 98/26/KE. ***SSS tad-DLT jew TSS*** tad-DLT li tapplika biex tiġi eżentata mir-rekwiżiti ta' parteċipazzjoni tar-

Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) ma tkunx konformi mar-rekwiżiti ta' parteċipazzjoni tad-Direttiva 98/26/KE. Konsegwentement, ***din is-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT ma tkunx tista' tiġi nnominata u nnotifikata skont din id-Direttiva. Madankollu, dan ma jipprekludix ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT li tikkonforma mar-rekwiżiti kollha tad-Direttiva 98/26/KE milli tiġi nnominata u nnotifikata b'dan il-mod.	Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) ma tkunx konformi mar-rekwiżiti ta' parteċipazzjoni tad-Direttiva 98/26/KE. Konsegwentement, ***tali SSS tad-DLT jew TSS*** tad-DLT ma tkunx tista' tiġi nnominata u nnotifikata skont din id-Direttiva. Madankollu, dan ma jipprekludix ***SSS tad-DLT jew TSS*** tad-DLT li tikkonforma mar-rekwiżiti kollha tad-Direttiva 98/26/KE milli tiġi nnominata u nnotifikata b'dan il-mod.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) iħeġġeġ is-saldu ta' tranżazzjonijiet f'bażi monetarja. Meta s-saldu ***ta' ħlasijiet fi flus kontanti*** f'bażi monetarja ma jkunx disponibbli u prattikabbli, dan is-saldu jista' jsir fi flus tal-bank kummerċjali. Din id-dispożizzjoni tista' tkun diffiċli biex tapplika għal CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, minħabba li CSD bħal dan ikollu jaffettwa l-movimenti fil-kontijiet tal-flus fl-istess ħin mal-kunsenja tat-titoli fuq ***id-DLT***. Jenħtieġ li CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jitħalla jitlob eżenzjoni mir-regoli tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) dwar is-saldu fi flus kontanti sabiex jiġu żviluppati soluzzjonijiet innovattivi, bħall-użu ta'	(24) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) iħeġġeġ is-saldu ta' tranżazzjonijiet f'bażi monetarja. Meta s-saldu ***tal-komponent ta' pagament*** f'bażi monetarja ma jkunx disponibbli u prattikabbli, dan is-saldu jista' jsir fi flus tal-bank kummerċjali. Din id-dispożizzjoni tista' tkun diffiċli biex tapplika għal CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, minħabba li CSD bħal dan ikollu jaffettwa l-movimenti fil-kontijiet tal-flus fl-istess ħin mal-kunsenja tat-titoli fuq ***ir-reġistru distribwit***. Jenħtieġ li CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jitħalla jitlob eżenzjoni mir-regoli tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) dwar is-saldu fi flus kontanti sabiex jiġu żviluppati soluzzjonijiet

muniti tas-saldu jew ta' "tokens tal-flus elettroniċi" kif iddefinit fir-Regolament Nru 2021/XX dwar is-Swieq fil-Kriptoassi[45].	innovattivi, bħall-użu ta' muniti tas-saldu jew ta' "tokens tal-flus elettroniċi" kif iddefinit fir-Regolament Nru 2021/XX dwar is-Swieq fil-Kriptoassi[45].
[45] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fil-kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 – COM(2020)593	[45] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fil-kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 – COM(2020)593

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) jeħtieġ li CSD jagħti aċċess għal CSD ieħor jew għal infrastrutturi tas-suq oħra. L-aċċess għal ***CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jista' jkun*** ta' piż jew diffiċli biex jinkiseb, minħabba li l-interoperabbiltà tas-sistemi miruta mad-DLT għadha ma ġietx ittestjata. Jenħtieġ ukoll li ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni minn dawn ir-regoli, jekk din tista' turi li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli hija sproporzjonata għad-daqs ***tas-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT.	(25) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) jeħtieġ li CSD jagħti aċċess għal CSD ieħor jew għal infrastrutturi tas-suq oħra ***fuq bażi nondiskriminatorja u trasparenti***. L-aċċess għal ***SSS tad-DLT jew TSS tad-DLT jista' jkun teknikament aktar kumpless,*** ta' piż jew diffiċli biex jinkiseb, minħabba li l-interoperabbiltà tas-sistemi miruta mad-DLT għadha ma ġietx ittestjata. Jenħtieġ ukoll li ***SSS tad-DLT jew TSS*** tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni minn dawn ir-regoli, jekk din tista' turi li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli hija sproporzjonata għad-daqs ***tal-SSS tad-DLT jew tat-TSS*** tad-DLT.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali u allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-

infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Irrispettivament mir-regola li għaliha tintalab eżenzjoni, jenħtieġ li CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT juri li l-eżenzjoni mitluba hija proporzjonata u ġġustifikata bl-użu tad-DLT. Jenħtieġ ukoll li l-eżenzjoni tkun limitata ***għas-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT u ma tkoprix sistemi ta' saldu tat-titoli oħra mħaddma mill-istess CSD.	(26) Irrispettivament mir-regola li għaliha tintalab eżenzjoni, jenħtieġ li CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT juri li l-eżenzjoni mitluba hija proporzjonata u ġġustifikata bl-użu tad-DLT. Jenħtieġ ukoll li l-eżenzjoni tkun limitata ***għall-SSS*** tad-DLT u ma tkoprix sistemi ta' saldu tat-titoli oħra mħaddma mill-istess CSD.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali, meta mqabbla mal-infrastrutturi tas-suq tradizzjonali. Dawn ir-rekwiżiti huma meħtieġa biex jiġu evitati r-riskji li jirriżultaw mill-użu tad-DLT jew mill-mod il-ġdid li bih l-infrastruttura tas-suq tad-DLT twettaq l-attivitajiet tagħha. Għalhekk, jenħtieġ li infrastruttura tas-suq tad-DLT ***tistabbilixxi*** pjan tan-negozju ċar li jagħti dettalji dwar kif se tintuża d-DLT u kif l-arranġamenti legali se jiġu stabbiliti.	(27) Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT ***u l-operaturi tagħhom*** ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali, meta mqabbla mal-infrastrutturi tas-suq tradizzjonali. Dawn ir-rekwiżiti huma meħtieġa biex jiġu evitati r-riskji li jirriżultaw mill-użu tad-DLT jew mill-mod il-ġdid li bih l-infrastruttura tas-suq tad-DLT twettaq l-attivitajiet tagħha. Għalhekk, jenħtieġ li infrastruttura tas-suq tad-DLT ***u l-operatur tagħha jistabbilixxu*** pjan tan-negozju ċar li jagħti dettalji dwar kif se tintuża d-DLT u kif l-arranġamenti

legali se jiġu stabbiliti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ċerti rekwiżiti huma applikabbli għall-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) ***Jenħtieġ li CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT***, jew MTF tad-DLT, meta dawn ikollhom il-permess*** li ***jirregolaw it-tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT huma stess***, ***jistabbilixxu r-regoli*** dwar il-funzjonament ***tad-DLT proprjetarja*** li dawn iħaddmu, inklużi r-regoli għall-aċċess u l-ammissjoni ***dwar id-DLT***, ir-regoli għan-nodi parteċipanti u r-regoli biex jiġu indirizzati l-kunflitti ta' interess potenzjali, kif ukoll il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju.	(28) ***lL-operaturi ta' SSS*** tad-DLT ***u ta' TSS tad-DLT jenħtieġ*** li ***jistabbilixxu, jew jiddokumentaw, skont il-każ***, ***ir-regoli*** dwar il-funzjonament ***tar-reġistru distribwit*** li dawn iħaddmu, inklużi r-regoli għall-aċċess u l-ammissjoni ***għar-reġistru distribwit***, ir-regoli għan-nodi parteċipanti u r-regoli biex jiġu indirizzati l-kunflitti ta' interess potenzjali, kif ukoll il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-(operaturi ta') infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Barra minn hekk, il-formulazzjoni fil-proposta tal-KE tista' tidher li timponi fuq l-infrastrutturi tas-suq l-użu ta' DLTs speċifikati, jiġifieri DLTs proprjetarji (għad-differenza ta' DLTs pubbliċi jew fil-forma ta' konsorzji). Din l-emenda għandha fil-mira approċċ aktar newtrali mil-lat teknoloġiku. Fl-istess ħin, ir-responsabbiltà għall-funzjonament tad-DLT partikolari użata għandha tibqa' tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT, irrispettivament minn jekk il-proġett "security token" huwiex DLT proprjetarja jew tip ieħor. Kumment editorjali.

Emenda 30

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Jenħtieġ li infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun meħtieġa li tinforma lill-membri, lill-parteċipanti, lill-emittenti u lill-klijenti dwar kif ***dawn beħsiebhom iwettqu*** l-attivitajiet ***tagħhom*** u kif l-użu tad-DLT se joħloq devjazzjonijiet meta mqabbel mal-mod kif is-servizz normalment jiġi pprovdut minn MTF jew CSD tradizzjonali li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli.	(29) Jenħtieġ li infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun meħtieġa li tinforma lill-membri, lill-parteċipanti, lill-emittenti u lill-klijenti dwar kif ***hi beħsiebha twettaq*** l-attivitajiet ***tagħha*** u kif l-użu tad-DLT se joħloq devjazzjonijiet meta mqabbel mal-mod kif is-servizz normalment jiġi pprovdut minn MTF jew CSD tradizzjonali li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 31

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Fiż-żmien meta jingħata ***l-permess*** speċifiku, jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT ikollhom ukoll strateġija ta' ħruġ kredibbli fis-seħħ fil-każ li jkun jenħtieġ li r-reġim dwar l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jitwaqqaf jew li l-permess speċifiku jew uħud mill-eżenzjonijiet mogħtija jiġu rtirati.	(32) Fiż-żmien meta jingħata ***permess*** speċifiku, jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT ikollhom ukoll strateġija ta' ħruġ kredibbli fis-seħħ fil-każ li jkun jenħtieġ li r-reġim dwar l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jitwaqqaf jew li l-permess speċifiku jew uħud mill-eżenzjonijiet mogħtija jiġu rtirati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jista' jkun meħtieġ aktar minn permess wieħed fil-każ ta' TSS tad-DLT.

Emenda 32

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Jenħtieġ li l-permess speċifiku mogħti lil infrastruttura tas-suq tad-DLT isegwi ***l-istess proċeduri bħal dawk*** għall-awtorizzazzjoni ta' MTF tradizzjonali***, jew CSD fejn dan is-CSD ikun qiegħed ifittex li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli ġdida***. Madankollu, meta tapplika għal permess, jenħtieġ li l-infrastruttura tad-DLT applikanti tindika l-eżenzjonijiet li tkun qiegħda tfittex. Qabel ma jingħata permess għal infrastruttura tas-suq tad-DLT, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tikkonsulta lill-ESMA. Jenħtieġ li l-ESMA toħroġ ***opinjoni mhux vinkolanti u li tagħmel kwalunkwe*** rakkomandazzjoni dwar l-applikazzjoni jew l-eżenzjonijiet mitluba. Jenħtieġ ukoll li l-ESMA tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra. Meta toħroġ ***l-opinjoni mhux vinkolanti*** tagħha, jenħtieġ li l-ESMA jkollha l-għan li tiżgura l-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ***ekwi*** u kompetizzjoni ġusta madwar is-suq uniku kollu, jenħtieġ ukoll li ***l-opinjoni mhux vinkolanti*** tal-ESMA timmira li tiżgura l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija minn awtoritajiet kompetenti differenti madwar l-Unjoni kollha.	(33) Jenħtieġ li l-permess***(i)*** speċifiku***/speċifiċi*** mogħti***(ja)*** lil infrastruttura tas-suq tad-DLT isegwi***/u l-proċeduri rispettivi*** għall-awtorizzazzjoni ta' MTF tradizzjonali ***fir-rigward tan-negozjar ta' titoli, jew CSD fir-rigward tas-saldu ta' titoli***. Madankollu, meta tapplika għal permess, jenħtieġ li l-infrastruttura ***tas-suq*** tad-DLT applikanti tindika l-eżenzjonijiet li tkun qiegħda tfittex. Qabel ma jingħata permess għal infrastruttura tas-suq tad-DLT, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tikkonsulta lill-ESMA. Jenħtieġ li l-ESMA toħroġ rakkomandazzjoni dwar l-applikazzjoni jew l-eżenzjonijiet mitluba. Jenħtieġ ukoll li l-ESMA tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra. Meta toħroġ ***ir-rakkomandazzjoni*** tagħha, jenħtieġ li l-ESMA jkollha l-għan li tiżgura l-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ***ekwivalenti*** u kompetizzjoni ġusta madwar is-suq uniku kollu, jenħtieġ ukoll li ***r-rakkomandazzjoni*** tal-ESMA timmira li tiżgura l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija minn awtoritajiet kompetenti differenti madwar l-Unjoni kollha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meta l-operatur ta' MTF/SSS ifittex permess biex jopera MTF tad-DLT jew SSS tad-DLT li twettaq servizzi ta' negozjar/saldu, il-permess li jkopri l-aspett tas-saldu ta' titoli għandu jingħata mill-awtorità kompetenti taħt is-CSDR filwaqt li l-permess li jkopri l-aspett tan-negozjar għandu jingħata mill-awtorità kompetenti taħt il-MiFID. Barra minn hekk, qed jiġi ssuġġerit li l-ESMA toħroġ rakkomandazzjoni minflok opinjoni mhux vinkolanti.

Emenda 33

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti li teżamina l-applikazzjoni mressqa minn infrastruttura tas-suq prospettiva tad-DLT ikollha l-possibbiltà li tirrifjuta permess jekk ikun hemm raġunijiet biex temmen li l-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun ta' theddida għall-istabbiltà finanzjarja, il-protezzjoni tal-investituri jew l-integrità tas-suq jew jekk l-applikazzjoni kienet tentattiv biex jiġu evitati r-rekwiżiti eżistenti.	***(34)*** Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti li teżamina l-applikazzjoni mressqa minn infrastruttura tas-suq prospettiva tad-DLT ikollha l-possibbiltà li tirrifjuta permess jekk ikun hemm raġunijiet biex temmen li l-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun ta' theddida għall-istabbiltà finanzjarja, il-protezzjoni tal-investituri jew l-integrità tas-suq jew jekk l-applikazzjoni kienet ***biss*** tentattiv biex jiġu evitati r-rekwiżiti eżistenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Jenħtieġ li ***l-permess speċifiku mogħti*** minn awtorità kompetenti lil infrastruttura tas-suq partikolari tad-DLT ***jindika*** l-eżenzjonijiet mogħtija lil din l-infrastruttura tas-suq tad-DLT. Jenħtieġ li ***permess*** bħal ***dan ikun validu*** għall-Unjoni. Jenħtieġ li l-ESMA tippubblika fuq is-sit web tagħha l-lista tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT u l-lista ta' eżenzjonijiet mogħtija lil kull waħda minnhom.	(35) Jenħtieġ li ***l-permess(i) speċifiku/speċifiċi mogħti(ja)*** minn awtorità kompetenti lil infrastruttura tas-suq partikolari tad-DLT ***jindika(w)*** l-eżenzjonijiet mogħtija lil din l-infrastruttura tas-suq tad-DLT. Jenħtieġ li ***permess(i)*** bħal ***dan/dawn ikun(u) validu/i*** għall-Unjoni. Jenħtieġ li l-ESMA tippubblika fuq is-sit web tagħha l-lista tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT u l-lista ta' eżenzjonijiet mogħtija lil kull waħda minnhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jista' jkun meħtieġ aktar minn permess wieħed fil-każ ta' TSS tad-DLT.

Emenda 35

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) ***Jenħtieġ li l-permess speċifiku u l-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jingħataw fuq bażi temporanja, għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt snin mid-data tal-permess speċifiku. Wara*** perjodu ta' ħames snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament, l-ESMA u l-Kummissjoni jkunu ***meħtieġa jagħmlu*** valutazzjoni ***ta' dan*** ir-reġim pilota ***għal infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru diġitali.*** Il-perjodu ta' sitt snin imsemmi hawn fuq jipprovdi biżżejjed żmien lill-infrastrutturi tas-suq tad-DLT biex jadattaw il-mudelli ta' negozju tagħhom għal kwalunkwe modifika ta' dan ir-reġim u joperaw taħt il-pilota b'mod kummerċjalment vijabbli. Dan jippermetti lill-ESMA u lill-Kummissjoni jiġbru ***u jirrapportaw dwar*** sett ta' data utli ***li jiġbor fih madwar tliet snin kalendarji tal-operazzjoni*** tar-reġim pilota wara l-għoti ta' massa kritika ta' permessi speċifiċi u eżenzjonijiet relatati. Dan jippermetti wkoll biżżejjed żmien għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT biex jieħdu l-passi meħtieġa jew biex jistralċjaw l-operazzjonijiet tagħhom jew biex jgħaddu għal qafas regolatorju ġdid wara r-rapporti tal-ESMA u tal-Kummissjoni.	(36) Jenħtieġ li ***l-permess(i) speċifiku/speċifiċi*** u l-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jingħataw fuq bażi temporanja, għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt snin mid-data tal-permess speċifiku. Wara ***perjodu ta' tliet snin u*** perjodu ta' ħames snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament, l-ESMA u l-Kummissjoni jkunu meħtieġa ***jwettqu, rispettivament, valutazzjoni tal-ħruġ bikri u*** valutazzjoni ***finali*** tar-reġim pilota ***tad-DLT***. Il-perjodu ta' sitt snin imsemmi hawn fuq jipprovdi biżżejjed żmien lill-infrastrutturi tas-suq tad-DLT biex jadattaw il-mudelli ta' negozju tagħhom għal kwalunkwe modifika ta' dan ir-reġim u joperaw taħt il-pilota b'mod kummerċjalment vijabbli. Dan jippermetti lill-ESMA u lill-Kummissjoni jiġbru sett ta' data utli ***dwar l-operazzjoni*** tar-reġim pilota wara l-għoti ta' massa kritika ta' permessi speċifiċi u eżenzjonijiet relatati. Dan jippermetti wkoll biżżejjed żmien għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT biex jieħdu l-passi meħtieġa jew biex jistralċjaw l-operazzjonijiet tagħhom jew biex jgħaddu għal qafas regolatorju ġdid wara r-rapporti tal-ESMA u tal-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-abbozz tar-Regolament jirrikjedi li l-ESMA tissottometti rapport dettaljat dwar ir-reġim pilota lill-Kummissjoni biss wara perjodu ta' ħames snin, l-aktar tard. Ir-Rapporteur iqis li l-

perjodu ta' ħames snin huwa twil wisq minħabba l-evoluzzjoni rapida tat-teknoloġija u l-innovazzjoni finanzjarja. Huwa jissuġġerixxi li l-Kummissjoni, abbażi tal-parir mill-ESMA, għandha diġà tissottometti valutazzjoni dwar aġġustament jew twaqqif potenzjali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill wara tliet snin. Jekk ir-reġim ma jiġix imwaqqaf, it-tieni u l-aħħar valutazzjoni għandha tiġi ppreżentata wara ħames snin.

Emenda 36

Proposta għal regolament
Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a) Matul iċ-ċiklu tal-ħajja tar-reġim tranżizzjonali, huwa importanti li dan ikun soġġett għal rieżami u evalwazzjoni bikrija u frekwenti, sabiex tiġi massimizzata l-informazzjoni għall-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT dwar ir-regoli futuri taħt ir-reġim permanenti. F'dak ir-rigward, huwa essenzjali li l-proċess ta' rieżami jkun trasparenti u parteċipatorju kemm jista' jkun, sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni xierqa tal-investiment mill-operaturi tas-suq. Ir-rapporti interim annwali mill-ESMA jenħtieġ li jqisu wkoll l-eżistenza ta' prattiki tas-suq stabbiliti li jippreżentaw karatteristiċi speċifiċi rilevanti għall-qafas futur tal-Unjoni għas-swieq fil-kriptoassi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The draft Regulation requires the ESMA to submit a detailed report on the pilot regime to the Commission only after a period of five years, at the latest. Your Rapporteur considers the five-year period too long given the rapid evolution of technology and financial innovation. He suggests to have more frequent information on the evolution of the pilot regime, thus allowing operators to understand whether they need to review their activities. Annual interim reports seem appropriate to help understand possible adjustments to the pilot regime based on the evolution of technology and first experiences.

Emenda 37

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFID II) jew ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jirtiraw il-permess speċifiku jew kwalunkwe eżenzjoni mogħtija lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT, meta jkun ġie skopert difett fit-teknoloġija sottostanti jew fis-servizzi jew fl-attivitajiet ipprovduti mill-infrastruttura tas-suq tad-DLT, u sakemm dan id-difett jegħleb il-benefiċċji pprovduti mis-servizz inkwistjoni, jew meta l-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun kisret kwalunkwe kundizzjoni marbuta ***mal-eżenzjonijiet*** imposti mill-awtorità kompetenti fiż-żmien tal-għoti tal-permess speċifiku, jew meta l-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun irreġistrat strumenti finanzjarji li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tat-titoli trasferibbli tad-DLT skont dan ir-Regolament. Matul l-attività tagħha, jenħtieġ li infrastruttura tas-suq tad-DLT ikollha l-possibbiltà li titlob eżenzjonijiet addizzjonali għal dawk mitluba fiż-żmien tal-permess. F'każ bħal dan, jenħtieġ li dawn l-eżenzjonijiet addizzjonali ***mitluba mill-infrastrutturi tas-suq tad-DLT ikunu soġġetti għal permess speċifiku mill-awtoritajiet*** kompetenti, bl-istess mod bħal dawk mitluba fiż-żmien tal-permess inizjali tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT.	(37) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFID II) jew ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jirtiraw il-permess speċifiku jew kwalunkwe eżenzjoni mogħtija lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT, meta jkun ġie skopert difett fit-teknoloġija sottostanti jew fis-servizzi jew fl-attivitajiet ipprovduti mill-infrastruttura tas-suq tad-DLT, u sakemm dan id-difett jegħleb il-benefiċċji pprovduti mis-servizz inkwistjoni, jew meta l-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun kisret kwalunkwe kundizzjoni marbuta ***mal-permessi jew l-eżenzjonijiet*** imposti mill-awtorità kompetenti fiż-żmien tal-għoti tal-permess speċifiku, jew meta l-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun irreġistrat strumenti finanzjarji li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tat-titoli trasferibbli tad-DLT skont dan ir-Regolament. Matul l-attività tagħha, jenħtieġ li infrastruttura tas-suq tad-DLT ikollha l-possibbiltà li titlob eżenzjonijiet addizzjonali għal dawk mitluba fiż-żmien tal-permess. F'każ bħal dan, jenħtieġ li dawn l-eżenzjonijiet addizzjonali ***jintalbu mingħand l-awtoritajiet*** kompetenti, bl-istess mod bħal dawk mitluba fiż-żmien tal-permess inizjali tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali. Id-dikjarazzjoni hawnhekk li "eżenzjoni hija soġġetta għal permess"

hija font ta' kondfużjoni Bħala rimarka ġenerali, ir-Rapporteur iqis li r-Regolament kollu kemm hu għandu jiġi skrutinizzat bir-reqqa fir-rigward tal-użu konsistenti tat-termini "eżenzjoni" u "permess".

Emenda 38

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Minħabba li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jistgħu jirċievu eżenzjonijiet temporanji mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni eżistenti, jenħtieġ li dawn jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti u mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) matul iż-żmien ***tal-permess*** speċifiku tagħhom. Jenħtieġ li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti u lill-ESMA dwar kwalunkwe bidla materjali fil-pjan tan-negozju tagħhom u fil-persunal kritiku tagħhom, dwar kwalunkwe evidenza ta' theddid jew attakki ċibernetiċi, frodi jew malprassi serja, dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni pprovduta fiż-żmien tal-applikazzjoni inizjali għall-permess, dwar kwalunkwe diffikultà teknika, u b'mod partikolari dawk marbuta mal-użu tad-DLT, u dwar kwalunkwe riskju ġdid għall-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja li ma ***kienx previst*** fiż-żmien meta ***ngħata l-permess speċifiku***. Meta tiġi nnotifikata b'din il-bidla materjali, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti titlob lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT biex tapplika għal permess ġdid jew ***eżenzjoni ġdida jew li*** tieħu kwalunkwe miżura korrettiva ***li*** tqis li hi xierqa. Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jipprovdu kwalunkwe data rilevanti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-ESMA, kull meta tintalab din id-data. ***Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja,*** jenħtieġ li l-awtorità	(38) Minħabba li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jistgħu jirċievu eżenzjonijiet temporanji mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni eżistenti, jenħtieġ li dawn jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti u mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) matul iż-żmien ***li fih l-permess*** speċifiku tagħhom ***ikun validu***. Jenħtieġ li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti u lill-ESMA dwar kwalunkwe bidla materjali fil-pjan tan-negozju tagħhom u fil-persunal kritiku tagħhom, dwar kwalunkwe evidenza ta' theddid jew attakki ċibernetiċi, frodi jew malprassi serja, dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni pprovduta fiż-żmien tal-applikazzjoni inizjali għall-permess, dwar kwalunkwe diffikultà teknika, u b'mod partikolari dawk marbuta mal-użu tad-DLT, u dwar kwalunkwe riskju ġdid għall-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja li ma ***kinux previsti*** fiż-żmien meta ***ngħataw il-permessi speċifiċi***. ***Sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja,*** meta tiġi nnotifikata b'din il-bidla materjali, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti ***tikkonsulta mal-ESMA għal rakkomandazzjoni, u fuq dik il-bażi*** titlob lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT biex tapplika għal permess ġdid jew ***biex*** tieħu kwalunkwe miżura korrettiva ***l-ESMA*** tqis li hi xierqa. Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jipprovdu kwalunkwe data rilevanti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-ESMA, kull meta tintalab

kompetenti li tat ***permess*** speċifiku lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun kapaċi tirrakkomanda kwalunkwe miżura korrettiva, wara ***konsultazzjoni mal-ESMA***.	din id-data. Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti li tat ***il-permess*** speċifiku lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun kapaċi tirrakkomanda kwalunkwe miżura korrettiva, wara ***li tkun inħarġet rakkomandazzjoni mill-ESMA***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali. Barra minn hekk, bil-għan li jiġu żgurati l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti differenti madwar l-Unjoni u b'hekk jitrawmu kundizzjonijiet ekwivalenti, ir-Rapporteur jissuġġerixxi li l-ESMA toħroġ rakkomandazzjoni minflok opinjoni mhux vinkolanti. Għad-differenza ta' opinjoni tal-ESMA, rakkomandazzjoni tal-ESMA hija bbażata fuq approċċ ta' "jew tikkonforma jew tispjega", skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 (ir-Regolament ESMA).

Emenda 39

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jagħmlu rapporti regolari lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom u lill-ESMA. Jenħtieġ li l-ESMA torganizza diskussjonijiet dwar dawn ir-rapporti sabiex tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti kollha madwar l-Unjoni jiksbu esperjenza dwar l-impatt tal-użu tad-DLT u dwar kwalunkwe adattament ***għal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji*** tal-Unjoni li jista' jkun meħtieġ biex id-DLT tkun tista' tintuża fuq skala akbar.	(39) Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jagħmlu rapporti regolari lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom u lill-ESMA. Jenħtieġ li l-ESMA torganizza diskussjonijiet dwar dawn ir-rapporti sabiex tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti kollha madwar l-Unjoni jiksbu esperjenza dwar l-impatt tal-użu tad-DLT u dwar kwalunkwe adattament ***possibbli fil-futur għal-leġiżlazzjoni applikabbli*** tal-Unjoni ***fil-qasam tas-servizzi finanzjarji*** li jista' jkun meħtieġ biex id-DLT tkun tista' tintuża fuq skala akbar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali.

Emenda 40

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) ***Ħames snin*** wara ***d-dħul fis-seħħ*** ta' dan ***ir-Regolament***, jenħtieġ li l-ESMA ***tirrapporta*** lill-Kummissjoni ***dwar dan*** ir-reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, ***inkluż dwar il-benefiċċji*** potenzjali marbuta mal-użu tad-DLT, ir-riskji li jirriżultaw u ***d-diffikultajiet tekniċi***. Abbażi ***tar-rapport tal-ESMA***, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tirrapporta*** lill-Kunsill u ***lill-Parlament Ewropew***. Jenħtieġ li ***dan ir-rapport*** jivvaluta ***l-kostijiet*** u l-benefiċċji biex dan ir-reġim dwar l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiġi estiż għal perjodu ta' żmien ***ieħor***, biex dan ir-reġim jiġi estiż għal tipi ġodda ta' strumenti finanzjarji, biex dan ir-reġim isir permanenti bi jew mingħajr modifiki, biex isiru modifiki fil-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni jew biex jintemm dan ir-reġim.	(40) ***Sa ... [36 xahar*** wara ***d-data ta' applikazzjoni*** ta' dan ***ir-Regolament]***, jenħtieġ li l-ESMA ***tippreżenta rapport ta' valutazzjoni ta' ħruġ bikri*** lill-Kummissjoni ***biex din tal-aħħar tkun tista' tiddeċiedi jekk testendix*** ir-reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, ***għal ... [ħames snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]. Ir-rapport ta' valutazzjoni ta' ħruġ bikri għandu jinkludi benefiċċji*** potenzjali marbuta mal-użu tad-DLT, ir-riskji li jirriżultaw u ***kwalunkwe diffikultà teknika li wieħed jiltaqa' magħha***. ***Ir-rapport ta' valutazzjoni tal-ħruġ bikri jenħtieġ li jiġi prodott*** abbażi ***ta' rapporti interim annwali biex tinġabar informazzjoni dwar, fost l-oħrajn, id-daqs tas-suq, it-tagħlimiet meħuda u l-evoluzzjoni tad-DLT. Fil-każ li r-reġim pilota jiġi estiż mill-Kummissjoni, l-ESMA għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bir-rapport finali tagħha dwar ir-reġim pilota tad-DLT sa... [ħames snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]. Ir-rapport finali jenħtieġ li jitħejja fuq l-istess linji tar-rapport ta' valutazzjoni ta' ħruġ bikri.*** Jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u*** lill-Kunsill ***ibbażat fuq ir-rapport ta' valutazzjoni ta' ħruġ bikri tal-ESMA*** u ***sussegwentement, fejn applikabbli, rapport ibbażat fuq ir-rapport finali tal-ESMA***. Jenħtieġ li ***r-rapport tal-Kummissjoni*** jivvaluta ***f'kull każ il-kostijiet*** u l-benefiċċji biex dan ir-reġim ***pilota*** dwar l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiġi estiż għal perjodu ta' żmien ***ulterjuri***, biex dan ir-reġim jiġi estiż għal tipi ġodda ta' strumenti finanzjarji, biex dan ir-reġim isir permanenti bi jew mingħajr modifiki, biex isiru modifiki fil-leġiżlazzjoni dwar

is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni jew biex jintemm dan ir-reġim.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-abbozz tar-Regolament jirrikjedi li l-ESMA tissottometti rapport dettaljat dwar ir-reġim pilota lill-Kummissjoni biss wara perjodu ta' ħames snin, l-aktar tard. Ir-Rapporteur iqis li l-perjodu ta' ħames snin huwa twil wisq minħabba l-evoluzzjoni rapida tat-teknoloġija u l-innovazzjoni finanzjarja. Huwa jissuġġerixxi li l-Kummissjoni, abbażi tal-parir mill-ESMA, għandha diġà tissottometti valutazzjoni dwar aġġustament jew twaqqif potenzjali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill wara tliet snin. Jekk ir-reġim ma jiġix imwaqqaf, it-tieni valutazzjoni għandha tiġi ppreżentata wara ħames snin.

Emenda 41

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Ġew identifikati xi lakuni potenzjali fir-regoli dwar is-servizzi finanzjarji ***tal-UE eżistenti*** fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom għal kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji[46]. B'mod partikolari, xi standards tekniċi regolatorji skont ir-Regolament ***UE*** Nru 600/2014 (ir-Regolament dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji) b'rabta ma' ċerti rekwiżiti ta' rapportar tad-data u rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel u ta' wara n-negozjar mhumiex adattati sew għall-istrumenti finanzjarji maħruġa fuq teknoloġija ta' reġistru distribwit. Is-swieq sekondarji fl-istrumenti finanzjarji maħruġa fuq teknoloġija ta' reġistru distribwit jew teknoloġija simili għadhom fil-bidu u għalhekk il-karatteristiċi tagħhom jistgħu jvarjaw mis-swieq fl-istrumenti finanzjarji li jużaw teknoloġija tradizzjonali. Jenħtieġ li r-regoli stabbiliti f'dawn l-istandards tekniċi regolatorji jkunu kapaċi jiġu applikati b'mod effettiv għall-istrumenti finanzjarji kollha, irrispettivament mit-teknoloġija użata.	(41) Ġew identifikati xi lakuni potenzjali fir-regoli ***tal-Unjoni eżistenti*** dwar is-servizzi finanzjarji fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom għal kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji[46]. B'mod partikolari, xi standards tekniċi regolatorji skont ir-Regolament ***(UE)*** Nru 600/2014 (ir-Regolament dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji) b'rabta ma' ċerti rekwiżiti ta' rapportar tad-data u rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel u ta' wara n-negozjar mhumiex adattati sew għall-istrumenti finanzjarji maħruġa fuq teknoloġija ta' reġistru distribwit. Is-swieq sekondarji fl-istrumenti finanzjarji maħruġa fuq teknoloġija ta' reġistru distribwit jew teknoloġija simili għadhom fil-bidu u għalhekk il-karatteristiċi tagħhom jistgħu jvarjaw mis-swieq fl-istrumenti finanzjarji li jużaw teknoloġija tradizzjonali. Jenħtieġ li r-regoli stabbiliti f'dawn l-istandards tekniċi regolatorji jkunu kapaċi jiġu applikati b'mod effettiv għall-istrumenti finanzjarji kollha, irrispettivament mit-teknoloġija użata.

Għalhekk, jenħtieġ li l-ESMA tingħata mandat biex twettaq valutazzjoni komprensiva ta' dawn l-istandards tekniċi regolatorji adottati bl-applikazzjoni tar-Regolament ***UE*** Nru 600/2014 u tipproponi kwalunkwe emenda meħtieġa bl-għan li tiżgura li r-regoli stabbiliti fih ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv għal strumenti finanzjarji maħruġa fuq teknoloġija ta' reġistru distribwit. Fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni, jenħtieġ li l-ESMA tqis l-ispeċifiċitajiet ta' dawk l-istrumenti finanzjarji maħruġa fuq teknoloġija ta' reġistru distribwit u jekk jirrikjedux standards adattati li jippermettu l-iżvilupp tagħhom mingħajr ma jimminaw l-objettivi tar-regoli stabbiliti fl-istandards tekniċi regolatorji adottati fl-applikazzjoni tar-Regolament ***UE*** Nru 600/2014.	Għalhekk, jenħtieġ li l-ESMA tingħata mandat biex twettaq valutazzjoni komprensiva ta' dawn l-istandards tekniċi regolatorji adottati bl-applikazzjoni tar-Regolament ***(UE)*** Nru 600/2014 u tipproponi kwalunkwe emenda meħtieġa bl-għan li tiżgura li r-regoli stabbiliti fih ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv għal strumenti finanzjarji maħruġa fuq teknoloġija ta' reġistru distribwit. Fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni, jenħtieġ li l-ESMA tqis l-ispeċifiċitajiet ta' dawk l-istrumenti finanzjarji maħruġa fuq teknoloġija ta' reġistru distribwit u jekk jirrikjedux standards adattati li jippermettu l-iżvilupp tagħhom mingħajr ma jimminaw l-objettivi tar-regoli stabbiliti fl-istandards tekniċi regolatorji adottati fl-applikazzjoni tar-Regolament ***(UE)*** Nru 600/2014.
[46] Ir-Rapport tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq b'parir dwar l-Offerti Inizjali tal-Muniti u l-Kriptoassi (ESMA50-157-1391)	[46] Ir-Rapport tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq b'parir dwar l-Offerti Inizjali tal-Muniti u l-Kriptoassi (ESMA50-157-1391)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali.

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti ***dwar faċilitajiet multilaterali tan-negozjar u sistemi ta' saldu tat-titoli li jużaw teknoloġija ta' reġistru distribwit,*** ***"***infrastrutturi tas-suq tad-DLT***"***, li jingħataw permessi speċifiċi biex joperaw skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8.	(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti għal infrastrutturi tas-suq tad-DLT ***u l-operaturi tagħhom***, li jingħataw permessi speċifiċi biex joperaw skont l-Artikolu 7***, l-Artikolu 8*** u l-Artikolu 8***a***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali. It-terminu "infrastrutturi tas-suq tad-DLT" huwa definit fl-Artikolu 2. Barra minn hekk, ċerti rekwiżiti huma applikabbli għall-operatur tal-infrastruttura tas-suq.

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tħaddim ta' ***dawn l-infrastrutturi*** tas-suq tad-DLT;	(d) it-tħaddim ta' ***infrastrutturi*** tas-suq tad-DLT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali. It-terminu "infrastrutturi tas-suq tad-DLT" huwa definit fl-Artikolu 2.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) is-superviżjoni ta' ***dawn l-infrastrutturi*** tas-suq tad-DLT; u	(e) is-superviżjoni ta' ***infrastrutturi*** tas-suq tad-DLT; u

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali. It-terminu "infrastrutturi tas-suq tad-DLT" huwa definit fl-Artikolu 2.

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) il-kooperazzjoni bejn l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA.	(f) il-kooperazzjoni bejn l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, l-awtoritajiet kompetenti ***nazzjonali*** u l-ESMA.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "teknoloġija ta' reġistru distribwit" jew "DLT" tfisser klassi ta' teknoloġiji li ***jappoġġaw ir-reġistrar*** distribwit ta' data ***kriptata***;	(1) "teknoloġija ta' reġistru distribwit" jew "DLT" tfisser klassi ta' teknoloġiji li ***jippermettu r-reġistrar*** distribwit ta' data ***permezz ta' mekkaniżmi siguri bħall-kriptografija***;

Or. en

Justification

Firstly, your Rapporteur proposes to indicate that the class of DLT technologies not merely supports but actually enables the distributed recording of data. It is thus clarified that the technological infrastructure is essential to the function of the distributed ledger. Secondly, he refers to the Commission's intention to draft legislation that is technologically neutral. At present, DLT does indeed operate on the basis of encryption but it is not to be excluded that in the future other mechanisms than encryption will see the light to ensure the safe and secure recording of data in a distributed environment. In that sense, cryptography is already covered by the words "class of technologies". Your Rapporteur nonetheless thinks that it is appropriate, for greater clarity, to include an explicit reference to cryptography but merely by way of example. Another such technology often used in DLT relates to the consensus mechanism (proof of work, proof of stake, etc.). Further elaboration on this definition is needed, as well as alignment with the proposed Regulation on a European framework for markets in crypto-assets (MiCA), as the definition is indeed fundamental to both files.

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "infrastruttura tas-suq tad-DLT" tfisser jew "faċilità multilaterali tan-negozjar tad-DLT" ***jew*** "sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT";	(2) "infrastruttura tas-suq tad-DLT" tfisser jew "faċilità multilaterali tan-negozjar tad-DLT"***,*** "sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT"***, jew "sistema ta' negozjar u saldu tal-DLT"***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Ir-Rapporteur jipproponi li infrastruttura tas-suq tad-DLT li hija awtorizzata twettaq kemm servizzi ta' negozjar kif ukoll ta' wara n-negozjar għandha titqies bħala t-tielet tip ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT fis-sens ta' dan ir-Regolament: Sistema ta' Negozjar u ta' Saldu tad-DLT (TSS). Tali entità tkun tikkostitwixxi tip kompetament ġdid ta' infrastruttura tas-suq u ma għandhiex tkun konfuża ma' MTF tad-DLT jew ma' SSS tad-DLT.

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "faċilità multilaterali tan-negozjar tad-DLT" jew "MTF tad-DLT" tfisser "faċilità multilaterali tan-negozjar", imħaddma minn ditta tal-investiment jew operatur tas-suq***, li tammetti għan-negozjar titoli trasferibbli bid-DLT biss u li jista' jkollha l-permess, abbażi ta' regoli u proċeduri trasparenti, mhux diskrezzjonali u uniformi, li:***	(3) "faċilità multilaterali tan-negozjar tad-DLT" jew "MTF tad-DLT" tfisser "faċilità multilaterali tan-negozjar" ***awtorizzata skont dan ir-Regolament***, imħaddma minn ditta tal-investiment jew operatur tas-suq***;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn MTF tad-DLT (li hija awtorizzata taħt ir-reġim pilota) minn MTF awtorizzata taħt il-MiFID II (li tista' tinnegozja titoli trasferibbli tad-DLT kif ukoll

taħt il-qafas regolatorju eżistenti). Barra minn hekk, ir-rekwiżit li titoli trasferibbli DLT biss jiġu ammessi għan-negozjar jirriżulta mill-Artikolu 3 u ma għandux għalfejn jiġi ripetut hawnhekk. Fl-aħħar nett, ir-referenza għal "regoli u proċeduri trasparenti, mhux diskrezzjonali u uniformi" tidher superfluwa f'din id-definizzjoni.

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżgura r-reġistrar inizjali tat-titoli trasferibbli tad-DLT;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Dan ir-rwol għandu jitwettaq mit-TSSs tad-DLT.

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tissalda tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli bid-DLT bi ħlas; u	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Dan ir-rwol għandu jitwettaq mit-TSSs tad-DLT.

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 –punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tipprovdi servizzi ta' salvagwardja fir-rigward ta' titoli trasferibbli bid-DLT, jew fejn applikabbli, ta' ħlasijiet u kollateral relatati, ipprovduti bl-użu tal-MTF tad-DLT;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Dan ir-rwol għandu jitwettaq mit-TSSs tad-DLT.

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) "sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT" tfisser sistema ta' saldu tat-titoli, imħaddma minn "depożitorju ċentrali tat-titoli"***, li tissalda tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT bi ħlas***;	(4) "sistema ta' saldu tat-titoli ***tad-DLT " jew "SSS*** tad-DLT" tfisser sistema ta' saldu tat-titoli ***awtorizzata skont dan ir-Regolament***, imħaddma minn "depożitorju ċentrali tat-titoli";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn SSS tad-DLT (li hija awtorizzata taħt ir-reġim pilota) minn sistema ta' saldu tat-titoli awtorizzata taħt is-CSDR (li tista' twettaq saldu ta' titoli trasferibbli tad-DLT kif ukoll taħt il-qafas regolatorju eżistenti). Barra minn hekk, m'hemmx bżonn li jiġu ċċarati r-rwoli tagħha (li altrimenti mhumiex limitati għas-saldu tat-tranżazzjonijiet).

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) "sistema ta' negozjar u saldu tad-DLT" jew "TSS tad-DLT" tfisser infrastruttura tas-suq tad-DLT li tikkombina s-servizzi mwettqa kemm minn MTF tad-DLT kif ukoll minn SSS tad-DLT, imħaddma minn entità legali waħda awtorizzata skont dan ir-Regolament;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Ir-Rapporteur jipproponi li infrastruttura tas-suq tad-DLT li hija awtorizzata twettaq kemm servizzi ta' negozjar kif ukoll ta' wara n-negozjar għandha titqies bħala t-tielet tip ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT fis-sens ta' dan ir-Regolament: Sistema ta' Negozjar u ta' Saldu tad-DLT (TSS). Tali entità tkun tikkostitwixxi tip kompetament ġdid ta' infrastruttura tas-suq u ma għandhiex tkun konfuża ma' MTF tad-DLT jew ma' SSS tad-DLT.

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "titoli trasferibbli tad-DLT" ifissru "titoli trasferibbli" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(44) (a) u (b) tad-Direttiva 2014/65/UE li jinħarġu, jiġu rreġistrati, jiġu ttrasferiti u jinħażnu bl-użu ta' DLT;	(5) "titoli trasferibbli tad-DLT" ifissru "titoli trasferibbli" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(44)(a) u (b) tad-Direttiva 2014/65/UE***, bl-eċċezzjoni ta' rċevuti ta' depożitu,*** li jinħarġu, jiġu rreġistrati, jiġu ttrasferiti u jinħażnu bl-użu ta' DLT;

Or. en

Justification

The definition of "DLT transferable securities" refers to Article 4 (1) (44) (a) and (b) of MiFID II, which not only includes shares and bonds, but also depositary receipts in respect of shares or bonds. In a DLT environment, shares and bonds could be considered as "native" security tokens while depository receipts can be considered as "asset-backed" security tokens representing ownership rights of an underlying traditional share or bond. It needs to be

clarified that the Regulation only applies to so-called "native" security tokens (i.e. shares and bonds that are created/issued on DLT and have no existence outside the DLT ledger). The understanding of your Rapporteur that this Regulation only applies to "native" security tokens is based on the limitations in article 3 that only apply to shares and bonds (and not depository receipts).

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) "unitajiet ta' fond negozjat fil-borża tad-DLT" jew "unitajiet ETF tad-DLT" tfisser unitajiet jew ishma ta' fond negozjat fil-borża skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(46) tad-Direttiva 2014/65/UE li li jinħarġu, jiġu rreġistrati, jiġu ttrasferiti u jinħażnu bl-użu ta' DLT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bil-ħsieb li aktar parteċipanti fis-suq ikunu jistgħu jiksbu esperjenza fl-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, ir-Rapporteur jissuġġerixxi li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-reġim pilota tad-DLT permezz tal-inklużjoni ta' unitajiet tal-ETF fil-lista ta' strumenti ammessi għan-negozjar fuq infrastruttura tas-suq tad-DLT jew saldati minnha, filwaqt li jiġu limitati l-investimenti tal-ETF tad-DLT għal titoli trasferibbli tad-DLT biex tiġi żgurata l-applikazzjoni indiretta tal-limiti massimi tas-suq proposti.

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) "muniti tas-saldu " tfisser flus tal-banek kummerċjali f'forma tokenizzata;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa xieraq li tiġi introdotta definizzjoni ta' "munita tas-saldu". Din id-definizzjoni teħtieġ tiġi elaborata aktar.

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ditta tal-investiment li tħaddem MTF tad-DLT, l-Istat Membru ddeterminat skont l-Artikolu 4(55)(a) (ii) u (iii) tad-Direttiva 2014/65/UE;	(a) ditta tal-investiment li tħaddem MTF tad-DLT ***jew TSS tad-DLT***, l-Istat Membru ddeterminat skont l-Artikolu 4(55)(a)(ii) u (iii) tad-Direttiva 2014/65/UE;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT, l-Istat Membru li fih huwa rreġistrat l-operatur tas-suq tal-MTF tad-DLT jew, jekk skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru dan ma għandu l-ebda uffiċċju rreġistrat, l-Istat Membru fejn jinsab l-uffiċċju prinċipali tal-operatur tas-suq tal-MTF tad-DLT;	(b) operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT ***jew TSS tad-DLT***, l-Istat Membru li fih huwa rreġistrat l-operatur tas-suq tal-MTF ***tad-DLT jew TSS*** tad-DLT jew, jekk skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru dan ma għandu l-ebda uffiċċju rreġistrat, l-Istat Membru fejn jinsab l-uffiċċju prinċipali tal-operatur tas-suq tal-MTF ***tad-DLT jew TSS*** tad-DLT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 22 –punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT, l-Istat Membru ddeterminat skont l-Artikolu 2(23) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014/UE.	(c) CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT ***jew TSS tad-DLT***, l-Istat Membru ddeterminat skont l-Artikolu 2(23) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014/UE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-titoli trasferibbli tad-DLT li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin biss jistgħu jiġu ***ammesi*** għan-negozjar ***f'MTF tad-DLT u jiġu rreġistrati f'reġistru distribwit minn CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT	1. It-titoli trasferibbli tad-DLT li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin biss jistgħu jiġu ***ammessi*** għan-negozjar ***jew ir-reġistrar, jew it-tnejn, fuq infrastruttura tas-suq*** tad-DLT

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Huwa aktar xieraq hawnhekk li jintuża t-terminu ġeneriku tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT (li jinkludi wkoll it-TSS tad-DLT).

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ishma, li l-emittent tagħhom għandu kapitalizzazzjoni tas-suq jew kapitalizzazzjoni tas-suq tentattiva ta' anqas minn EUR ***200*** miljun; jew	(a) ishma, li l-emittent tagħhom għandu kapitalizzazzjoni tas-suq jew kapitalizzazzjoni tas-suq tentattiva ta' anqas minn EUR ***50*** miljun; jew

Or. en

Justification

While your Rapporteur considers that the aggregate threshold for the total market value of DLT transferable securities proposed by the Commission seems to strike an appropriate balance between innovation friendliness and protecting against risks that could endanger financial stability, investor protection, and market integrity, he takes note that the individual financial thresholds proposed by the Commission would encompass the majority of shares and bonds currently available on the securities market. Your Rapporteur considers that a more prudent approach is required for the accomplishment of the abovementioned objective, and prefers significantly lower individual thresholds.

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) bonds konvertibbli, bonds koperti, bonds korporattivi, bonds pubbliċi oħra u bonds oħra, b'daqs ta' ħruġ ta' anqas minn EUR ***500*** miljun.	(b) bonds konvertibbli, bonds koperti, bonds korporattivi, bonds ***sovrani, bonds*** pubbliċi oħra u bonds oħra, b'daqs ta' ħruġ ta' anqas minn EUR ***50*** miljun.

Or. en

Justification

While your Rapporteur considers that the aggregate threshold for the total market value of DLT transferable securities proposed by the Commission seems to strike an appropriate balance between innovation friendliness and protecting against risks that could endanger financial stability, investor protection, and market integrity, he takes note that the individual financial thresholds proposed by the Commission would encompass the majority of shares

and bonds currently available on the securities market. Your Rapporteur considers that a more prudent approach is required for the accomplishment of the abovementioned objective, and prefers significantly lower individual thresholds. Furthermore, he sees no fundamental reason to exclude sovereign bonds from the scope of the DLT pilot regime. The inclusion of sovereign bonds as eligible instrument could in particular be helpful for smaller Member States with less developed capital markets, to enable them to also gain experience with DLT market infrastructures.

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 3 - paragrafu 1 - punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) unitajiet tal-ETF tad-DLT, li jinvestu fit-tipi ta' strumenti imsemmija fil-punti (a) u (b).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bil-ħsieb li aktar parteċipanti fis-suq ikunu jistgħu jiksbu esperjenza fl-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, ir-Rapporteur jissuġġerixxi li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni permezz tal-inklużjoni ta' unitajiet tal-ETF fil-lista ta' strumenti ammessi għan-negozjar fuq infrastruttura tas-suq tad-DLT jew saldati minnha, filwaqt li jiġu limitati l-investimenti tal-ETF tad-DLT għal titoli trasferibbli tad-DLT biex tiġi żgurata l-applikazzjoni indiretta tal-limiti massimi tas-suq proposti.

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT ma għandux jammetti għan-negozjar ta' bonds sovrani skont dan ir-Regolament. CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li għandu permess jirreġistra titoli trasferibbli tad-DLT f'MTF tad-DLT, skont il-paragrafi 2 u 3	***imħassar***

tal-Artikolu 4, ma għandux jirreġistra bonds sovrani skont dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur ma jara l-ebda raġuni fundamentali għall-esklużjoni tal-bonds sovrani mill-kamp ta' applikazzjoni tar-reġim pilota tad-DLT. L-inklużjoni ta' bonds sovrani bħala strument eliġibbli tista' b'mod partikolari tkun ta' għajnuna għal Stati Membri iżgħar bi swieq kapitali inqas żviluppati, biex ikunu jistgħu jiksbu wkoll esperjenza fl-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-valur tas-suq totali ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati ***f'CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT ***ma għandux ikun aktar minn EUR 2,5 biljun. Meta MTF tad-DLT tirreġistra t-titoli trasferibbli tad-DLT minflok CSD, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, il-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrat mid-ditta tal-investiment jew mill-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR 2,5 biljun.***	3. Il-valur tas-suq totali ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati ***f'SSS*** tad-DLT jew ***TSS*** tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR 2,5 biljun.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) daqs is-somma ta': il-prezz tal-għeluq ta' kuljum ta' kull titolu trasferibbli tad-DLT ammess għan-negozjar f'MTF tad-DLT, immultiplikat bl-għadd ta' titoli trasferibbli tad-DLT bl-istess ISIN li huma saldati ***fis-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT jew ***fl-MTF*** tad-DLT ***ikkonċernati*** f'dak il-jum, kemm jekk sħaħ kif ukoll jekk parzjalment.	(b) daqs is-somma ta': il-prezz tal-għeluq ta' kuljum ta' kull titolu trasferibbli tad-DLT ammess għan-negozjar f'MTF tad-DLT, immultiplikat bl-għadd ta' titoli trasferibbli tad-DLT bl-istess ISIN li huma saldati ***fl-SSS*** tad-DLT jew ***fit-TSS*** tad-DLT f'dak il-jum, kemm jekk sħaħ kif ukoll jekk parzjalment.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jissottometti lill-awtorità kompetenti li tkun tat il-permess speċifiku, skont l-Artikolu 7 jew l-Artikolu 8, rapporti ta' kull xahar, li juru li t-titoli trasferibbli tad-DLT kollha li huma rreġistrati u saldati ***f'MTF*** tad-DLT ***li għandhom il-permess jagħmlu dan, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4,*** jew ***minn CSD f'sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT***,*** jissodisfaw il-kundizzjonijiet skont il-paragrafi 1 sa 3.	L-operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jissottometti lill-awtorità kompetenti li tkun tat il-permess speċifiku, skont l-Artikolu 7 jew l-Artikolu 8, rapporti ta' kull xahar, li juru li t-titoli trasferibbli tad-DLT kollha li huma rreġistrati u saldati ***f'SSS*** tad-DLT jew ***f'TSS*** tad-DLT jissodisfaw il-kundizzjonijiet skont il-paragrafi 1 sa 3.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT irrapportati skont il-paragrafu 1, ikun laħaq EUR 2,25 biljun, id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem ***l-MTF*** tad-DLT ***ikkonċernata,*** jew ***is-CSD li jħaddem is-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT ***kkonċernata,*** għandu jattiva l-istrateġija ta' tranżizzjoni, imsemmija fl-Artikolu 6(6). Huma għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti dwar l-attivazzjoni tal-istrateġija ta' tranżizzjoni tagħhom, fir-rapport tagħhom ta' kull xahar u dwar il-medda ta' żmien għal din it-tranżizzjoni.	Meta l-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT irrapportati skont il-paragrafu 1, ikun laħaq EUR 2,25 biljun, id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem ***l-SSS*** tad-DLT jew ***it-TSS*** tad-DLT għandu jattiva l-istrateġija ta' tranżizzjoni, imsemmija fl-Artikolu 6(6). Huma għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti dwar l-attivazzjoni tal-istrateġija ta' tranżizzjoni tagħhom, fir-rapport tagħhom ta' kull xahar u dwar il-medda ta' żmien għal din it-tranżizzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-ESMA tista' tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex temenda l-limiti massimi speċifikati fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 u fit-tieni u t-tielet subparagrafi tal-paragrafu 5, sa massimu tad-doppju tal-valur tal-limiti massimi b'kunsiderazzjoni tal-valuri massimi speċifikati f'dan ir-Regolament fi... [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], abbażi ta' konsultazzjoni u

	valutazzjoni tal-impatt li turi l-impatt pożittiv ta' tali emendi.
	L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u għal darb' oħra [60 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
	Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta, flimkien ma' rapport kif speċifikat fl-Artikolu 10(2), l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu b'mod konformi mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għoti tas-setgħa lill-ESMA biex temenda l-limiti massimi (bil-ħsieb li jiżdiedu b'mod massimu sad-doppju) fir-rigward tar-rapport ta' valutazzjoni tal-ħruġ bikri.

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 għandu japplika għal titoli trasferibbli tad-DLT ammessi għan-negozjar f'MTF tad-DLT.	6. Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 għandu japplika għal titoli trasferibbli tad-DLT ammessi għan-negozjar f'MTF tad-DLT ***jew f'TSS tad-DLT***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. MTF tad-DLT ***għandha tkun soġġetta*** għar-rekwiżiti kollha applikabbli għal MTF skont id-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 2014***/600***, għajr jekk id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT:	1. MTF tad-DLT ***u l-operatur tagħha għandhom ikunu soġġetti*** għar-rekwiżiti kollha applikabbli għal MTF skont id-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru ***600/***2014***, jew kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji***, għajr jekk id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ċerti rekwiżiti huma applikabbli għall-operatur tal-infrastruttura tas-suq. Huwa xieraq li jiġi enfasizzat li "kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-UE fil-qasam tas-servizzi finanzjarji" minbarra MiFID II/MiFIR tapplika wkoll.

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun talab eżenzjoni kif speċifikat ***fil-paragrafu 2*** jew skont id-Direttiva (UE) .../...[53] u jkun ingħata din l-eżenzjoni mill-awtorità kompetenti li tat il-permess speċifiku skont l-Artikolu 7; u	(a) ikun talab eżenzjoni kif speċifikat jew skont id-Direttiva (UE) .../...[53] u jkun ingħata din l-eżenzjoni mill-awtorità kompetenti li tat il-permess speċifiku skont l-Artikolu 7; u
[53] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2009/65/KE, 2009/138/UE, 2011/61/UE, EU/2013/36, 2014/65/UE, (UE) 2015/2366 u EU/2016/2341 - COM(2020)596 - - COM(2020)596	[53] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2009/65/KE, 2009/138/UE, 2011/61/UE, EU/2013/36, 2014/65/UE, (UE) 2015/2366 u EU/2016/2341 - COM(2020)596 - - COM(2020)596

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Peress li d-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq ikunu jeħtieġu jiġu liċenzjati skont is-CSDR (u għalhekk isiru CSD), l-eżenzjoni prevista fil-paragrafu 2 ma għadhiex rilevanti.

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti ***fil-paragrafi 2 sa*** 4 u ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens addizzjonali li l-awtorità kompetenti li tkun tat il-permess speċifiku tista' tqis xierqa sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjonijiet li minnhom tkun intalbet eżenzjoni jew biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u/jew l-istabbiltà finanzjarja.	(c) jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti ***fil-paragrafu*** 4 u ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens ***jew miżuri korrettivi*** addizzjonali li l-awtorità kompetenti li tkun tat il-permess speċifiku tista' tqis xierqa sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjonijiet li minnhom tkun intalbet eżenzjoni jew biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u/jew l-istabbiltà finanzjarja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Peress li d-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq ikunu jeħtieġu jiġu liċenzjati skont is-CSDR (u għalhekk isiru CSD), l-eżenzjoni prevista fil-paragrafu 2 ma għadhiex rilevanti.

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fuq talba tagħhom, ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddmu MTF tad-DLT jistgħu jitħallew ***jammettu għan-***	Fuq talba tagħhom, ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddmu MTF tad-DLT jistgħu jitħallew ***jirreġistraw u jsaldu***

negozjar titoli trasferibbli tad-DLT ***li mhumiex irreġistrati f'CSD skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 909/2014 iżda li minflok huma rreġistrati fir-reġistru distribwit tal-MTF*** tad-DLT.	titoli trasferibbli tad-DLT ***fir-reġistru distribwit tal-MTF tad-DLT. F'każ bħal dan, l-MTF tad-DLT għandha titqies bħala TSS tad-DLT.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Peress li d-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq ikunu jeħtieġu jiġu liċenzjati skont is-CSDR (u għalhekk isiru CSD), l-eżenzjoni prevista fil-paragrafu 2 ma għadhiex rilevanti. Barra minn hekk, din l-emenda għandha l-għan li tevita li jkun hemm kundizzjonijiet mhux ekwivalenti għall-MTF tad-DLT meta mqabbla mal-SSS tad-DLT(din tal-aħħar tkun soġġetta għal permess minflok eżenzjoni).

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jitlob eżenzjoni skont il-paragrafu 1 għandu jipproponi miżuri ta' kumpens biex jilħaq l-objettivi segwiti mid-dispożizzjonijiet li minnhom tintalab eżenzjoni, u jiżgura tal-anqas:	***imħassar***
(a) ir-reġistrar tat-titoli trasferibbli tad-DLT fit-teknoloġija ta' reġistru diġitali;	
(b) li l-għadd ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati fl-MTF tad-DLT jkun daqs l-għadd totali ta' dawn it-titoli trasferibbli tad-DLT f'ċirkolazzjoni fit-teknoloġija ta' reġistru diġitali fi kwalunkwe ħin partikolari;	
(c) li l-MTF tad-DLT iżżomm rekords li jippermettu lid-ditta tal-investiment jew lill-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT, mingħajr dewmien fi kwalunkwe ħin partikolari, biex jissegrega t-titoli trasferibbli tad-DLT ta'	

membru, parteċipant, emittent jew klijent minn dawk ta' kwalunkwe membru, parteċipant, emittent jew klijent ieħor.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Peress li d-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq ikunu jeħtieġu jiġu liċenzjati skont is-CSDR (u għalhekk isiru CSD), l-eżenzjoni prevista fil-paragrafu 2 ma għadhiex rilevanti. Barra minn hekk, din l-emenda għandha l-għan li tevita li jkun hemm kundizzjonijiet mhux ekwivalenti għall-MTF tad-DLT meta mqabbla mal-SSS tad-DLT(din tal-aħħar tkun soġġetta għal permess minflok eżenzjoni).

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta ma tkun saret l-ebda talba għal ***eżenzjoni mill-MTF*** tad-DLT skont l-ewwel subparagrafu, it-titoli trasferibbli tad-DLT għandhom jew jiġu rreġistrati ***f'forma dematerjalizzata f'CSD jew fit-teknoloġija*** ta' ***reġistru distribwit ta' CSD*** li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT.	Meta ma tkun saret l-ebda talba għal ***permess mill-operatur tal-MTF*** tad-DLT skont l-ewwel subparagrafu, it-titoli trasferibbli tad-DLT għandhom jew jiġu rreġistrati ***f'sistema*** ta' ***saldu tat-titoli jew f'CSD*** li jħaddem ***SSS tad-DLT jew TSS*** tad-DLT.

Or. en

Justification

The draft Regulation sometimes appears to mix up the notions of 'permission' and 'exemption'. In the opinion of your Rapporteur, allowing a DLT MTF to engage in securities settlement activities amounts to a permission; once this permission is granted, the necessary exemptions (from CSDR) must be granted for the DLT environment to reach its full potential. Furthermore, the request for a permission is made by the operator of the DLT MTF in the first subparagraph (and not the DLT MTF). In addition, the last sentence is rephrased to make it more comprehensible, without changing its meaning. Finally, alignment to ensure a common logic behind the requirements for DLT market infrastructures.

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li ***jħaddem*** MTF tad-DLT ***ikun talab eżenzjoni*** skont il-paragrafu 2, ***dan għandu jiżgura***, permezz ta' proċeduri u arranġamenti robusti li***, l-MTF*** tad-DLT:	3. Meta ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li ***jħaddmu*** MTF tad-DLT ***ikunu talbu permess*** skont il-paragrafu 2, ***dawn għandhom jiżguraw***, permezz ta' proċeduri u arranġamenti robusti li ***huma jikkonformaw mal-istess rekwiżiti u eżenzjonijiet applikabbli għal SSS tad-DLT u s-CSD operattiv tagħha u għalhekk li t-TSS*** tad-DLT:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-paragrafu 2 jinvolvi permess aktar milli eżenzjoni. Barra minn hekk, sar allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżgura li l-għadd ta' titoli trasferibbli tad-DLT f'ħarġa jew f'parti minn ħarġa ammessa mid-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem ***l-MTF*** tad-DLT, ikun daqs is-somma ta' titoli trasferibbli tad-DLT li jkunu jiffurmaw din il-ħarġa jew parti minn ħarġa, irreġistrata fid-DLT, fi kwalunkwe ħin partikolari;	(a) tiżgura li l-għadd ta' titoli trasferibbli tad-DLT f'ħarġa jew f'parti minn ħarġa ammessa mid-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem ***t-TSS*** tad-DLT, ikun daqs is-somma ta' titoli trasferibbli tad-DLT li jkunu jiffurmaw din il-ħarġa jew parti minn ħarġa, irreġistrata fid-DLT, fi kwalunkwe ħin partikolari;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tiżgura s-salvagwardja ta' kwalunkwe titolu trasferibbli tad-DLT, kif ukoll kwalunkwe fondi biex isiru ħlasijiet għal dawn it-titoli jew kwalunkwe kollateral ipprovdut fir-rigward ta' dawn it-tranżazzjonijiet bl-użu ***tal-MTF*** tad-DLT;	(b) tiżgura s-salvagwardja ta' kwalunkwe titolu trasferibbli tad-DLT, kif ukoll kwalunkwe fondi biex isiru ħlasijiet għal dawn it-titoli jew kwalunkwe kollateral ipprovdut fir-rigward ta' dawn it-tranżazzjonijiet bl-użu ***tat-TSS*** tad-DLT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt f – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-saldu ***tal-ħlasijiet*** jista' jsir permezz ta' flus tal-bank ċentrali meta jkun prattikabbli u disponibbli, jew meta ma jkunx prattikabbli u disponibbli, permezz ta' flus tal-banek kummerċjali, inklużi flus tal-banek kummerċjali f'forma bbażata fuq it-tokens, jew f'tokens tal-flus elettroniċi.	Is-saldu ***tal-komponent tal-pagament*** jista' jsir permezz ta' flus tal-bank ċentrali meta jkun prattikabbli u disponibbli, jew meta ma jkunx prattikabbli u disponibbli, permezz ta' flus tal-banek kummerċjali, inklużi flus tal-banek kummerċjali f'forma bbażata fuq it-tokens, jew f'tokens tal-flus elettroniċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt f – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta s-saldu jsir permezz ta' flus tal-banek kummerċjali jew ta' tokens tal-flus elettroniċi, id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem ***l-MTF*** tad-DLT għandu jidentifika, ikejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja, u jimminimizza kwalunkwe riskju tal-kontroparti li jirriżulta mill-użu ta' dawn il-flus; u	Meta s-saldu jsir permezz ta' flus tal-banek kummerċjali jew ta' tokens tal-flus elettroniċi, id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem ***it-TSS*** tad-DLT għandu jidentifika, ikejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja, u jimminimizza kwalunkwe riskju tal-kontroparti li jirriżulta mill-użu ta' dawn il-flus; u

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) iżżomm rekords li jippermettu lid-ditta tal-investiment jew lill-operatur tas-suq li jħaddem it-TSS tad-DLT, mingħajr dewmien fi kwalunkwe ħin partikolari, biex jissepara t-titoli trasferibbli tad-DLT ta' membru, parteċipant, emittent jew klijent minn dawk ta' kwalunkwe membru, parteċipant, emittent jew klijent ieħor.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-punt tmexxa hawn mill-Artikolu 4.2 (c).

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT jitlob ***eżenzjoni*** skont il-paragrafu 2 jew skont id-Direttiva (UE) .../...[54], dan għandu fi kwalunkwe każ juri li l-eżenzjoni mitluba ***hija***:	4. Meta ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT jitlob ***permess*** skont il-paragrafu 2 jew ***eżenzjoni*** skont id-Direttiva (UE) .../...[54], dan għandu fi kwalunkwe każ juri li ***l-permess jew*** l-eżenzjoni mitluba ***huma***:
[54] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2009/65/KE, 2009/138/UE, 2011/61/UE, UE/2013/36, 2014/65/UE, (UE) 2015/2366 u UE/2016/2341 - COM(2020)596.	[54] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2009/65/KE, 2009/138/UE, 2011/61/UE, UE/2013/36, 2014/65/UE, (UE) 2015/2366 u UE/2016/2341 - COM(2020)596.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-paragrafu 2 jinvolvi permess aktar milli eżenzjoni.

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) limitata għall-MTF tad-DLT u ma testendi għall-ebda MTF oħra mħaddma mid-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq imsemmi.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rekwiżiti u eżenzjonijiet fir-rigward ***tas-sistema*** ta' saldu tat-titoli tad-DLT	Rekwiżiti u eżenzjonijiet fir-rigward ***tas-sistemi*** ta' saldu tat-titoli tad-DLT

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***CSD li jhaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT għandu jkun soġġett*** għar-rekwiżiti applikabbli għal ***CSD*** skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014, għajr jekk ***dan is-CSD***:	1. ***SSS tad-DLT u s-CSD operattiv tagħha għandhom ikunu soġġetti*** għar-rekwiżiti applikabbli għal ***sistema ta' saldu tat-titoli u s-CSD operattiv tagħha*** skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014, ***jew kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji,*** għajr jekk:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ċerti rekwiżiti huma applikabbli għall-operatur tal-infrastruttura tas-suq. Huwa xieraq li jiġi enfasizzat li "kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-UE fil-qasam tas-servizzi finanzjarji" minbarra s-CSDR tapplika wkoll.

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikun jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 u ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens addizzjonali li l-awtorità kompetenti li tkun tat il-permess speċifiku tista' tqis xierqa sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjonijiet li minnhom tkun intalbet eżenzjoni jew biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u/jew l-istabbiltà finanzjarja.	(c) ikun jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 u ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens ***jew miżura korrettiva*** addizzjonali li ***l-ESMA jew*** l-awtorità kompetenti li tkun tat il-permess speċifiku tista' tqis xierqa sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjonijiet li minnhom tkun intalbet eżenzjoni jew biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u/jew l-istabbiltà finanzjarja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa xieraq li tissemma wkoll l-ESMA hawnhekk.

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) juri li l-użu ta' "kont ta' titoli" kif iddefinit skont l-Artikolu 2(28) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jew l-użu ta' forma dematerjalizzata jkun inkompatibbli mal-użu ***tad-DLT*** partikolari ***tiegħu***;	(a) juri li l-użu ta' "kont ta' titoli" kif iddefinit skont l-Artikolu 2(28) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jew l-użu ta' forma dematerjalizzata jkun inkompatibbli mal-użu ***ta' DLT*** partikolari ***mħaddma mis-CSD ikkonċernat***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha fil-mira formulazzjoni aktar newtrali mil-lat teknoloġiku dwar l-użu tad-DLTs.

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jipproponi miżuri ta' kumpens biex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjonijiet li minnhom tintalab eżenzjoni, u jiżgura tal-anqas:	(b) jipproponi miżuri ta' kumpens ***jew miżuri korrettivi*** biex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjonijiet li minnhom tintalab eżenzjoni, u jiżgura tal-anqas:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikollhom livell suffiċjenti ta' abbiltà, kompetenza, esperjenza u għarfien dwar il-fażi ta' wara n-negozjar u l-funzjonament tad-DLT.	(b) ikollhom livell suffiċjenti ta' abbiltà, kompetenza, esperjenza u għarfien dwar il-fażi ta' wara n-negozjar u l-funzjonament tad-DLT***, u tal-valutazzjoni tar-riskji***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa xieraq li jkun meħtieġ ukoll li l-parteċipanti jkollhom fehim xieraq tar-riskji potenzjalment għolja involuti.

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fuq talba tiegħu, CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT jista' jiġi eżentat mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 dwar is-	Fuq talba tiegħu, CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT jista' jiġi eżentat mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 dwar is-saldu fi flus

saldu fi flus kontanti, sakemm is-CSD jiżgura kunsenja kontra ħlas.	kontanti, sakemm is-CSD jiżgura kunsenja kontra ħlas.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-saldu ***tal-ħlasijiet*** jista' jsir permezz ta' flus tal-bank ċentrali meta jkun prattikabbli u disponibbli, jew meta ma jkunx prattikabbli u disponibbli, permezz ta' flus tal-banek kummerċjali, inklużi flus tal-banek kummerċjali f'forma bbażata fuq it-tokens, jew f'tokens tal-flus elettroniċi.	Is-saldu ***tal-komponent tal-pagament*** jista' jsir permezz ta' flus tal-bank ċentrali meta jkun prattikabbli u disponibbli, jew meta ma jkunx prattikabbli u disponibbli, permezz ta' flus tal-banek kummerċjali, inklużi flus tal-banek kummerċjali f'forma bbażata fuq it-tokens, jew f'tokens tal-flus elettroniċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta s-saldu jsir permezz ta' flus tal-banek kummerċjali jew ta' tokens tal-flus elettroniċi, ***id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq*** li jħaddem ***l-MTF*** tad-DLT għandu jidentifika, ikejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja, u jimminimizza kwalunkwe riskju tal-kontroparti li jirriżulta mill-użu ta' dawn il-	Meta s-saldu jsir permezz ta' flus tal-banek kummerċjali jew ta' tokens tal-flus elettroniċi, ***is-CSD*** li jħaddem ***SSS*** tad-DLT għandu jidentifika, ikejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja, u jimminimizza kwalunkwe riskju tal-kontroparti li jirriżulta mill-użu ta' dawn il-

flus.	flus.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni (l-Artikolu 5 jirrigwarda SSSs tad-DLT u mhux MTFs tad-DLT).

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fuq talba tiegħu, CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT jista' jiġi eżentat mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 50 u/jew tal-Artikolu 53 dwar l-aċċess permezz ta' konnessjoni standard u l-aċċess bejn CSD u infrastruttura oħra tas-suq tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, sakemm dan juri li l-użu ta' DLT huwa inkompatibbli mas-sistemi miruta ta' CSDs oħra jew infrastrutturi oħra tas-suq jew li l-għoti ta' dan l-aċċess lil CSD ieħor jew infrastruttura oħra tas-suq bl-użu ta' sistemi miruta jiskatta kostijiet sproporzjonati, minħabba d-daqs tas-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT.	6. Fuq talba tiegħu, CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT jista' jiġi eżentat mill-awtorità kompetenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 50 u/jew tal-Artikolu 53 dwar l-aċċess permezz ta' konnessjoni standard u l-aċċess bejn CSD u infrastruttura oħra tas-suq tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, sakemm dan juri li l-użu ta' DLT huwa inkompatibbli mas-sistemi miruta ta' CSDs oħra jew infrastrutturi oħra tas-suq jew li l-għoti ta' dan l-aċċess lil CSD ieħor jew infrastruttura oħra tas-suq bl-użu ta' sistemi miruta jiskatta kostijiet sproporzjonati, minħabba d-daqs tas-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 5 - paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Fuq talba tiegħu, CSD li jħaddem SSS tad-DLT jista' jitħalla jiġi ammess għan-negozjar ta' titoli trasferibbli tad-DLT. F'każ bħal dan, għandu jitqies bħala TSS. Meta CSD li jħaddem SSS tad-DLT ikun talab permess, dan għandu jiżgura, permezz ta' proċeduri u arranġamenti robusti, li huwa jikkonforma mal-istess rekwiżiti u eżenzjonijiet applikabbli għal MTF tad-DLT u d-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq operattivi tagħha taħt dan ir-Regolament. F'każ bħal dan, l-SSS tad-DLT għandha titqies bħala TSS tad-DLT.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti, jenħtieġ li SSS tad-DLT titħalla twettaq ir-rwoli ta' MTF tad-DLT, bl-istess mod kif MTF tad-DLT titħalla twettaq ir-rwoli ta' SSS tad-DLT.

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT ikun talab eżenzjoni skont l-ewwel subparagrafu, dan għandu jagħti aċċess lil CSDs oħra li jħaddmu sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jew lil MTFs tad-DLT.	Meta CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT ikun talab eżenzjoni skont l-ewwel subparagrafu, dan għandu jagħti aċċess lil CSDs oħra li jħaddmu sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jew lil MTFs tad-DLT. ***Is-CSD li jħaddem SSS tad-DLT għandu jinforma lill-awtorità kompetenti bl-intenzjoni tiegħu li jistabbilixxi kwalunkwe aċċess bħal dan. Wara konsultazzjoni obbligatorja mal-ESMA, l-awtorità kompetenti tista' tipprojbixxi tali aċċess sa fejn dan ikun ta' detriment***

għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li toħloq għarfien li r-rekwiżit ta' aċċess miftuħ għas-CSDs li jħaddmu SSS tad-DLT biex jagħtu aċċess lil CSDs oħra li jħaddmu SSS tad-DLT jew għal MTFs tad-DLT jista' jiġġenera riskji għall-istabbiltà finanzjarja. Huwa ssuġġerit li l-aċċess jista' jiġi pprojbit f'każ li tali riskji jkunu ta' detriment għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 7 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jitlob eżenzjoni skont il-paragrafi 2 sa 6, dan għandu fi kwalunkwe każ juri li:	Meta CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jitlob eżenzjoni skont il-paragrafi 2 sa 6 ***jew permess skont il-paragrafu 6a***, dan għandu fi kwalunkwe każ juri li:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 7 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-eżenzjoni mitluba ***tkun proporzjonata*** għall-użu tad-DLT ***tagħha*** u ***ġġustifikata bih***, u li;	(a) l-eżenzjoni ***jew il-permess*** mitluba ***jkunu proporzjonati*** għall-użu tad-DLT ***imħaddma minn dak is-CSD*** u ***ġġustifikati minnu***, ***u li;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Barra minn hekk, din l-emenda għandha fil-mira formulazzjoni aktar newtrali mil-lat teknoloġiku dwar l-użu tad-DLTs.

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 7 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-eżenzjoni mitluba ***tkun limitata*** għas-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT u ma ***tkun testendi*** għall-ebda sistema ta' saldu tat-titoli oħra kif iddefinita fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 imħaddma mill-istess CSD.	(b) l-eżenzjoni ***jew il-permess*** mitluba ***jkunu limitati*** għas-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT u ma ***jkunu jestendu*** għall-ebda sistema ta' saldu tat-titoli oħra kif iddefinita fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 imħaddma mill-istess CSD.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Bħala rimarka ġenerali, ir-Rapporteur iqis li r-Regolament kollu kemm hu għandu jiġi skrutinizzat bir-reqqa fir-rigward tal-użu konsistenti tat-termini "eżenzjoni" u "permess".

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta CSD ikun talab u ngħata eżenzjoni skont il-paragrafu 3, ir-rekwiżit fl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014/UE biex l-Istati Membri jinnominaw u jinnotifikaw is-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD skont id-Direttiva 98/26/KE ma għandux japplika ***għas-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT. Dan ta' hawn fuq ma għandux jipprekludi	8. Meta CSD ikun talab u ngħata eżenzjoni skont il-paragrafu 3, ir-rekwiżit fl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014/UE biex l-Istati Membri jinnominaw u jinnotifikaw is-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD skont id-Direttiva 98/26/KE ma għandux japplika ***għall-SSS tad-DLT jew it-TSS*** tad-DLT. Dan ta' hawn fuq ma għandux jipprekludi

lill-Istati Membri milli jinnominaw u jinnotifikaw ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT skont id-Direttiva 98/26/KE meta ***s-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT ***tissodisfa r-rekwiżiti*** kollha ta' din id-Direttiva.	lill-Istati Membri milli jinnominaw u jinnotifikaw ***SSS tad-DLT jew TSS*** tad-DLT skont id-Direttiva 98/26/KE meta ***l-SSS tad-DLT jew it-TSS*** tad-DLT ***jissodisfaw ir-rekwiżiti*** kollha ta' din id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rekwiżiti addizzjonali ***dwar l-infrastrutturi*** tas-suq tad-DLT	Rekwiżiti addizzjonali ***għall-infrastrutturi*** tas-suq tad-DLT

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawn għandu jkollhom ukoll dokumentazzjoni bil-miktub aġġornata, ċara, dettaljata u disponibbli pubblikament, li tista' ssir disponibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, u li tiddefinixxi r-regoli li skonthom ***għandha topera l-infrastruttura*** tas-suq tad-DLT, inkluż it-termini legali assoċjati miftiehma li jiddefinixxu d-drittijiet, l-obbligi, ir-responsabbiltajiet u l-	Dawn għandu jkollhom ukoll dokumentazzjoni bil-miktub aġġornata, ċara, dettaljata u disponibbli pubblikament, li tista' ssir disponibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, u li tiddefinixxi r-regoli li skonthom ***għandhom joperaw l-infrastrutturi*** tas-suq tad-DLT ***u l-operaturi tagħhom***, inkluż it-termini legali assoċjati miftiehma li jiddefinixxu d-

obbligazzjonijiet tal-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT, kif ukoll dawk tal-membri, il-parteċipanti, l-emittenti u/jew il-klijenti li jużaw l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikkonċernata. Dawn l-arranġamenti legali għandhom jispeċifikaw il-liġi regolatorja, il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' qabel il-litigazzjoni u l-ġuriżdizzjoni biex tittieħed azzjoni legali.	drittijiet, l-obbligi, ir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet tal-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT, kif ukoll dawk tal-membri, il-parteċipanti, l-emittenti u/jew il-klijenti li jużaw l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikkonċernata. Dawn l-arranġamenti legali għandhom jispeċifikaw il-liġi regolatorja, il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' qabel il-litigazzjoni u l-ġuriżdizzjoni biex tittieħed azzjoni legali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali. Barra minn hekk, ċerti rekwiżiti huma applikabbli għall-operatur tal-infrastruttura tas-suq.

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT, u ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem ***MTF*** tad-DLT li jitlob eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, għandu jistabbilixxi regoli dwar il-funzjonament ***tad-DLT*** li ***dan iħaddem***, inklużi r-regoli għall-aċċess għat-teknoloġija ta' reġistru distribwit, għall-parteċipazzjoni tan-nodi ta' validazzjoni, għall-indirizzar tal-kunflitti ta' interess potenzjali, u għall-ġestjoni tar-riskju inkluża kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni.	2. CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT, u ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem ***TSS*** tad-DLT li jitlob eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, għandu jistabbilixxi ***jew jiddokumenta, kif xieraq,*** regoli dwar il-funzjonament ***tar-reġistru distribwit*** li ***dawn iħaddmu***, inklużi r-regoli għall-aċċess għat-teknoloġija ta' reġistru distribwit, għall-parteċipazzjoni tan-nodi ta' validazzjoni, għall-indirizzar tal-kunflitti ta' interess potenzjali, u għall-ġestjoni tar-riskju inkluża kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Barra minn hekk, din l-emenda għandha fil-mira formulazzjoni aktar newtrali mil-

lat teknoloġiku dwar l-użu tad-DLTs. Kumment editorjali.

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi ta' infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandu jkollhom proċedura ta' ***riskju*** operazzjonali speċifika għar-riskji li jirriżultaw mill-użu ta' DLT u ta' kriptoassi u dwar kif dawn ir-riskji jiġu indirizzati jekk dawn jimmaterjalizzaw.	L-operaturi ta' infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandu jkollhom proċedura ta' ***ġestjoni ta' riskji*** operazzjonali speċifika għar-riskji li jirriżultaw mill-użu ta' DLT u ta' kriptoassi u dwar kif dawn ir-riskji jiġu indirizzati jekk dawn jimmaterjalizzaw.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jistabbilixxi strateġija ċara, dettaljata u disponibbli pubblikament għat-tranżizzjonar 'il barra minn infrastruttura tas-suq tad-DLT partikolari jew l-istralċ tagħha (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"istrateġija ta' tranżizzjoni"), lesta biex tiġi implimentata f'waqtha, fil-każ li l-permess jew xi wħud mill-eżenzjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 5 ikollhom jiġu rtirati jew inkella jitwaqqfu, jew fil-każ ta' kwalunkwe waqfien volontarju jew involontarju tan-negozju ***tal-MTF tad-DLT jew tas-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT. L-istrateġija ta' tranżizzjoni għandha tistabbilixxi kif il-membri, il-parteċipanti,	6. L-operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT għandu jistabbilixxi strateġija ċara, dettaljata u disponibbli pubblikament għat-tranżizzjonar 'il barra minn infrastruttura tas-suq tad-DLT partikolari jew l-istralċ tagħha (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"istrateġija ta' tranżizzjoni"), lesta biex tiġi implimentata f'waqtha, fil-każ li l-permess jew xi wħud mill-eżenzjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 5 ikollhom jiġu rtirati jew inkella jitwaqqfu, jew fil-każ ta' kwalunkwe waqfien volontarju jew involontarju tan-negozju ***ta' infrastruttura tas-suq*** tad-DLT. L-istrateġija ta' tranżizzjoni għandha tistabbilixxi kif il-membri, il-parteċipanti, l-emittenti u l-

l-emittenti u l-klijenti għandhom jiġu ttrattati, fil-każ ta' tali rtirar, diskontinwità jew waqfien. L-istrateġija ta' tranżizzjoni għandha tiġi aġġornata fuq bażi kontinwa soġġetta għall-kunsens minn qabel tal-awtorità kompetenti li tat il-permess għat-tħaddim u għal eżenzjonijiet relatati skont l-Artikolu 4 u l-Artikolu 5.	klijenti għandhom jiġu ttrattati, fil-każ ta' tali rtirar, diskontinwità jew waqfien. L-istrateġija ta' tranżizzjoni għandha tiġi aġġornata fuq bażi kontinwa soġġetta għall-kunsens minn qabel tal-awtorità kompetenti li tat il-permess għat-tħaddim u għal eżenzjonijiet relatati skont l-Artikolu 4 u l-Artikolu 5.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali u allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Huwa aktar xieraq hawnhekk li jintuża t-terminu ġeneriku tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT (li jinkludi wkoll it-TSS tad-DLT).

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***fejn ikun applikabbli,*** il-funzjonament ***tad-DLT proprjetarja tagħha*** kif imsemmi fl-Artikolu 6(2);	(c) il-funzjonament ***tar-reġistru distribwit*** kif imsemmi fl-Artikolu 6(2);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-formulazzjoni fil-proposta tal-KE tista' tidher li timponi fuq l-infrastrutturi tas-suq l-użu ta' DLTs speċifikati, jiġifieri DLTs proprjetarji (għad-differenza ta' DLTs pubbliċi jew fil-forma ta' konsorzji). Din l-emenda għandha fil-mira formulazzjoni aktar newtrali mil-lat teknoloġiku. Fl-istess ħin, ir-responsabbiltà għall-funzjonament tad-DLT partikolari użata għandha tibqa' tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT, irrispettivament minn jekk il-proġett "security token" huwiex DLT proprjetarja jew tip ieħor. Kumment editorjali.

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-eżenzjonijiet li qiegħda titlob skont l-Artikolu 4, il-ġustifikazzjoni għal kull eżenzjoni mitluba, kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta kif ukoll il-mezzi previsti biex tikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 4.	(g) l-eżenzjonijiet li qiegħda titlob skont l-Artikolu 4, il-ġustifikazzjoni għal kull eżenzjoni mitluba, kwalunkwe miżura ta' kumpens ***jew miżura korrettiva*** proposta kif ukoll il-mezzi previsti biex tikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 4.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem MTF tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-MTF tad-DLT lill-ESMA, spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjonijiet tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti.	3. Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem MTF tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-MTF tad-DLT lill-ESMA, spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjonijiet tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens ***jew miżura korrettiva*** proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi n-notifika, l-ESMA għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti ***b'opinjoni mhux vinkolanti*** dwar l-applikazzjoni u għandha tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni dwar l-eżenzjonijiet mitluba mill-applikant, li huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. L-ESMA għandha wkoll tippromwovi l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti lil ditti tal-investiment jew operaturi tas-suq li jħaddmu MTFs tad-DLT madwar l-Unjoni. Sabiex tagħmel dan, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra fil-ħin u tieħu l-ogħla kont tal-fehmiet tagħhom ***fl-opinjoni*** tagħha.	Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi n-notifika, l-ESMA għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti ***b'rakkomandazzjoni maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010*** dwar l-applikazzjoni u għandha tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni dwar l-eżenzjonijiet mitluba mill-applikant, li huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. L-ESMA għandha wkoll tippromwovi l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti lil ditti tal-investiment jew operaturi tas-suq li jħaddmu MTFs tad-DLT madwar l-Unjoni. Sabiex tagħmel dan, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra fil-ħin u tieħu l-ogħla kont tal-fehmiet tagħhom ***fir-rakkomandazzjoni*** tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bil-għan li jiġu żgurati l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti differenti madwar l-Unjoni u b'hekk jitrawmu kundizzjonijiet ekwivalenti, ir-Rapporteur jissuġġerixxi li l-ESMA toħroġ rakkomandazzjoni minflok opinjoni mhux vinkolanti. Għad-differenza ta' opinjoni tal-ESMA, rakkomandazzjoni tal-ESMA hija bbażata fuq approċċ ta' "jew tikkonforma jew tispjega", skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 (ir-Regolament ESMA).

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha l-lista ta' MTFs tad-DLT, id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-permessi speċifiċi tagħhom u l-lista ta' eżenzjonijiet mogħtija lil kull wieħed minnhom.	L-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha l-lista ta' MTFs tad-DLT, id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-permessi speċifiċi tagħhom u l-lista ta' eżenzjonijiet mogħtija lil kull wieħed minnhom. ***Barra minn hekk, l-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha t-talbiet kollha għal eżenzjonijiet li jkunu saru taħt dan ir-Regolament, filwaqt li tindika f'kull każ jekk l-ESMA tirrakkomandax li l-eżenzjoni tiġi aċċettata jew irrifjutata.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-talbiet għal permessi u eżenzjonijiet kif ukoll id-deċiżjonijiet finali għandhom isiru pubbliċi. Sabiex tiġi pprovduta trasparenza sħiħa dwar il-proċess ta' eżenzjoni, it-talbiet li ġew aċċettati kif ukoll dawk li ġew irrifjutati għandhom jiġu ppubblikati, wara t-tneħħija ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva. Ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti, wara t-tneħħija ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva, għandhom jiġu ppubblikati wkoll.

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq, li jħaddem l-MTF tad-DLT, li talab ***eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014***, ikun irreġistra titoli trasferibbli tad-DLT li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u 3(2);	(d) id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq, li jħaddem l-MTF tad-DLT, li talab ***permess għar-reġistrar u s-saldu ta' titoli trasferibbli tad-DLT taħt l-Artikolu 4(2)***, ikun irreġistra titoli trasferibbli tad-DLT li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u 3(2);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-emenda tal-Artikolu 4(2). l-eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tas-CSDR tinbidel għal permess biex jiġu rreġistrati u saldati titoli trasferibbli tad-DLT.

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq, li jħaddem l-MTF tad-DLT, li jkun talab permess ***speċifiku biex jiġi eżentat mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014***, ikun qabeż il-limiti msemmija fl-Artikolu 3(3) jew (5), it-tielet subparagrafu; jew	(e) id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq, li jħaddem l-MTF tad-DLT, li jkun talab permess ***għar-reġistrar u s-saldu ta' titoli trasferibbli tad-DLT taħt l-Artikolu 4(2)***, ikun qabeż il-limiti msemmija fl-Artikolu 3(3) jew (5), it-tielet subparagrafu; jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-emenda tal-Artikolu 4(2). l-eżenzjoni mill-Artikolu 3(2) tas-CSDR tinbidel għal permess biex jiġu rreġistrati u saldati titoli trasferibbli tad-DLT.

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta waqt l-attività tagħhom, ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jkun iħaddem MTF tad-DLT jipproponi li jintroduċi bidla materjali għall-funzjonament tad-DLT, jew għas-servizzi jew għall-attivitajiet tagħha, li teħtieġ permess ġdid, eżenzjoni ġdida, jew il-modifika ta' waħda jew aktar mill-eżenzjonijiet eżistenti tagħha jew ta' kwalunkwe kundizzjoni marbuta magħha, dan għandu jitlob tali permess, eżenzjoni jew modifika skont l-Artikolu 4. Tali permess, eżenzjoni jew modifika għanda tiġi pproċessata mill-awtorità kompetenti, skont il-paragrafi 2 sa 5.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-funzjonament ***tad-DLT proprjetarja tagħha*** kif imsemmi fl-Artikolu 6(2);	(c) il-funzjonament tar-reġistru distribwit kif imsemmi fl-Artikolu 6(2);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-formulazzjoni fil-proposta tal-KE tista' tidher li timponi fuq l-infrastrutturi tas-suq l-użu ta' DLTs speċifikati, jiġifieri DLTs proprjetarji (għad-differenza ta' DLTs pubbliċi jew fil-forma ta' konsorzji). Din l-emenda għandha fil-mira formulazzjoni aktar newtrali mil-lat teknoloġiku. Fl-istess ħin, ir-responsabbiltà għall-funzjonament tad-DLT partikolari użata għandha tibqa' tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT, irrispettivament minn jekk il-proġett "security token" huwiex DLT proprjetarja jew tip ieħor. Kumment editorjali.

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-eżenzjonijiet li qiegħda titlob, skont l-Artikolu 5, il-ġustifikazzjonijiet għal kull eżenzjoni mitluba, kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta kif ukoll il-miżuri previsti biex tikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 5.	(g) l-eżenzjonijiet li qiegħda titlob, skont l-Artikolu 5, il-ġustifikazzjonijiet għal kull eżenzjoni mitluba, kwalunkwe miżura ta' kumpens ***jew miżura korrettiva*** proposta kif ukoll il-miżuri previsti biex tikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 5.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali.

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem ***MTF*** tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar ***is-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT lill-ESMA flimkien ma' spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjoni tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti.	Qabel ma tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal permess speċifiku biex tħaddem ***SSS*** tad-DLT skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar ***l-SSS*** tad-DLT lill-ESMA flimkien ma' spjegazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-ġustifikazzjoni tagħhom u kwalunkwe miżura ta' kumpens ***jew miżura korrettiva*** proposta mill-applikant jew meħtieġa mill-awtorità kompetenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni (l-Artikolu 8 jirrigwarda l-SSSs tad-DLT u mhux il-MTFs tad-DLT). Barra minn hekk, kumment editorjali.

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha l-lista ta' sistemi ta' saldu tat-titoli tad-DLT, id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-permessi speċifiċi tagħhom u l-lista ta' eżenzjonijiet mogħtija lil kull wieħed minnhom.	L-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha l-lista ta' sistemi ta' saldu tat-titoli tad-DLT, id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-permessi speċifiċi tagħhom u l-lista ta' eżenzjonijiet mogħtija lil kull wieħed minnhom. ***Barra minn hekk, l-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha dawk it-talbiet għal eżenzjonijiet li jkunu saru taħt dan ir-Regolament, filwaqt li***

tindika f'kull każ jekk l-ESMA tirrakkomandax li l-eżenzjoni tiġi aċċettata jew irrifjutata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-talbiet għal permessi u eżenzjonijiet kif ukoll id-deċiżjonijiet finali għandhom isiru pubbliċi. Sabiex tiġi pprovduta trasparenza sħiħa dwar il-proċess ta' eżenzjoni, it-talbiet li ġew aċċettati kif ukoll dawk li ġew irrifjutati għandhom jiġu ppubblikati, wara t-tneħħija ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva. Ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti, wara t-tneħħija ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva, għandhom jiġu ppubblikati wkoll.

Emenda 118

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Permess speċifiku biex titħaddem sistema ta' negozjar u ta' saldu tad-DLT
	1. Persuna ġuridika awtorizzata bħala CSD taħt ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 u bħala ditta tal-investiment jew bħala operatur tas-suq skont id-Direttiva 2014/65/UE tista' tapplika għall-permess speċifiku biex tħaddem TSS tad-DLT taħt dan ir-Regolament billi titlob il-permessi speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Ir-Rapporteur jipproponi li infrastruttura tas-suq tad-DLT li hija awtorizzata twettaq kemm servizzi ta' negozjar kif ukoll ta' wara n-negozjar għandha titqies bħala t-tielet tip ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT fis-sens ta' dan ir-Regolament: Sistema ta' Negozjar u ta' Saldu tad-DLT (TSS). Tali entità tkun tikkostitwixxi tip kompetament ġdid ta' infrastruttura tas-suq u ma għandhiex tkun konfuża ma' MTF tad-DLT jew ma' SSS tad-DLT.

Emenda 119

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT ammessi għan-negozjar fl-MTF tad-DLT, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati ***minn CSD li jħaddem sistemi ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT***, u fejn ikun applikabbli, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli rreġistrati minn ditta tal-investiment*** jew ***operatur tas-suq li jopera f'MTF*** tad-DLT;	(b) l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT ammessi għan-negozjar fl-MTF tad-DLT, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati ***f'SSS*** tad-DLT jew ***TSS*** tad-DLT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 120

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-għadd u l-valur ta' tranżazzjonijiet innegozjati f'MTF tad-DLT u saldati jew minn CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT***, jew fejn ikun applikabbli, minn ditta tal-investiment*** jew operatur tas-suq li jħaddem ***l-MTF*** tad-DLT;	(c) l-għadd u l-valur ta' tranżazzjonijiet innegozjati f'MTF tad-DLT u saldati jew minn CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT jew operatur tas-suq li jħaddem ***TSS*** tad-DLT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 121

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Sa mhux aktar tard minn ħames*** snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ***ir-Regolament***, ***l-ESMA għandha tippreżenta*** rapport ***lill-Kummissjoni*** dwar:	1. ***L-ESMA għandha tippreżenta rapport ta' valutazzjoni ta' ħruġ bikri lill-Kummissjoni sa... [tliet*** snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ***ir-Regolament] u***, ***jekk ir-reġim preskritt f'dan ir-Regolament ma jintemmx sa dak iż-żmien,*** rapport ***finali sa [ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*** dwar:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-abbozz tar-Regolament jirrikjedi li l-ESMA tissottometti rapport dettaljat dwar ir-reġim pilota lill-Kummissjoni biss wara perjodu ta' ħames snin, l-aktar tard. Ir-Rapporteur iqis li l-perjodu ta' ħames snin huwa twil wisq minħabba l-evoluzzjoni rapida tat-teknoloġija u l-innovazzjoni finanzjarja. Huwa jissuġġerixxi li l-Kummissjoni, abbażi tal-parir mill-ESMA, għandha diġà tissottometti valutazzjoni dwar aġġustament jew twaqqif potenzjali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill wara tliet snin. Jekk ir-reġim ma jiġix imwaqqaf, it-tieni valutazzjoni għandha tiġi ppreżentata wara ħames snin.

Emenda 122

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għadd ta' MTFs tad-DLT ***u CSDs li jħaddmu sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT li jkunu ngħataw permess speċifiku skont dan ir-Regolament;	(b) l-għadd ta' MTFs tad-DLT***, SSSs tad-DLT u TSSs*** tad-DLT li jkunu ngħataw permess speċifiku skont dan ir-Regolament;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 123

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT ammessi għan-negozjar fl-MTFs tad-DLT, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati minn CSDs li jħaddmu ***sistemi ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT, u ***fejn ikun applikabbli,*** l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli rreġistrati ***mill-MTFs*** tad-DLT;	(d) l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT ammessi għan-negozjar fl-MTFs tad-DLT, l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati minn CSDs li jħaddmu ***SSSs*** tad-DLT, u l-għadd u l-valur ta' titoli trasferibbli ***negozjati u*** rreġistrati ***mit-TSSs*** tad-DLT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 124

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-għadd u l-valur ta' tranżazzjonijiet innegozjati f'MTFs tad-DLT ***u*** saldati ***jew*** minn ***CSDs li jħaddmu sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT, ***jew fejn ikun applikabbli,*** minn ***MTFs*** tad-DLT;	(e) l-għadd u l-valur ta' tranżazzjonijiet innegozjati f'MTFs tad-DLT**,** saldati minn ***SSSs*** tad-DLT, ***u negozjati u saldati*** minn ***TSSs*** tad-DLT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 125

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-proċeduri stabbiliti mill-MTFs tad-DLT skont l-Artikolu 4(3)(g);	(g) il-proċeduri stabbiliti mill-MTFs tad-DLT ***u mit-TSSs tad-DLT*** skont l-Artikolu 4(3)(g);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament biex tiġi żgurata loġika komuni fil-bażi tar-rekwiżiti għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 126

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) kwalunkwe kwistjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti bejn, minn naħa, l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT fi ħdan ir-reġim pilota tad-DLT u, min-naħa l-oħra, l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT u infrastrutturi tas-suq oħra li jużaw sistemi tradizzjonali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'mod partikolari, ir-rekwiżiti ta' aċċess miftuħ u ta' interoperabbiltà bejn l-infrastrutturi tas-suq (DLT) jeħtieġ li jiġu analizzati aktar. Id-dispożizzjonijiet attwali previsti fir-Regolament jistgħu tabilħaqq joħolqu riskji f'termini ta' distorsjoni tad-dinamika tal-kompetizzjoni, frammentazzjoni tas-suq u kundizzjonijiet mhux ekwivalenti bejn l-infrastrutturi tas-suqtad-DLT fi ħdan ir-reġim pilota tad-DLT u bejn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT u infrastrutturi oħra tas-suq li jużaw sistemi tradizzjonali. Abbażi tal-analiżi, jista' jkun hemm bżonn li jkun hemm aktar aġġustamenti u/jew dispożizzjonijiet ġodda.

Emenda 127

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) il-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu ta' DLT, f'termini ta' ***kwalunkwe*** titjib fl-effiċjenza u ***tnaqqis tar-riskju*** fil-katina kollha tan-negozjar u ta' wara n-negozjar, inkluż mingħajr limitazzjoni, fir-rigward tar-reġistrar u s-salvagwardja ta' titoli trasferibbli tad-DLT, it-traċċabbiltà tat-tranżazzjonijiet, azzjonijiet korporattivi, funzjonijiet ta' rapportar u superviżjoni fil-livell tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT;	(j) il-benefiċċji ***u l-kostijiet*** li jirriżultaw mill-użu ta' DLT, f'termini ta' ***kemm*** it-titjib fl-effiċjenza ***kif ukoll ir-riskji possibbli għall-integrità tas-suq, il-protezzjoni tal-investitur*** u ***l-istabbiltà finanzjarja*** fil-katina kollha tan-negozjar u ta' wara n-negozjar, inkluż mingħajr limitazzjoni, fir-rigward tar-reġistrar u s-salvagwardja ta' titoli trasferibbli tad-DLT, it-traċċabbiltà tat-tranżazzjonijiet, azzjonijiet korporattivi, funzjonijiet ta' rapportar u superviżjoni fil-livell tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minbarra l-benefiċċji, għandhom jiġu vvalutati wkoll il-kostijiet li jirriżultaw mill-użu ta' DLT.

Emenda 128

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Abbażi ***tar-rapport imsemmi*** fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jinkludi analiżi kost-benefiċċji dwar jekk ir-reġim għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT skont dan ir-Regolament jenħtieġx li:	2. Abbażi ***tar-rapporti imsemmija*** fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha***, fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi kull rapport,*** tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jinkludi analiżi kost-benefiċċji dwar jekk ir-reġim għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT skont dan ir-Regolament jenħtieġx li:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tistabbilixxi skadenza għall-Kummissjoni biex tippreżenta r-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda 129

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiġi estiż għal perjodu ieħor;	(a) ***fil-każ li r-rapport jiġi rċevut wara ... [tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament],*** jiġi estiż għal perjodu ieħor ***ta' sentejn*** ;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-abbozz tar-Regolament jirrikjedi li l-ESMA tissottometti rapport dettaljat dwar ir-reġim pilota lill-Kummissjoni biss wara perjodu ta' ħames snin, l-aktar tard. Ir-Rapporteur iqis li l-perjodu ta' ħames snin huwa twil wisq minħabba l-evoluzzjoni rapida tat-teknoloġija u l-innovazzjoni finanzjarja. Huwa jissuġġerixxi li l-Kummissjoni, abbażi tal-parir mill-ESMA, għandha diġà tissottometti valutazzjoni dwar aġġustament jew twaqqif potenzjali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill wara tliet snin. Jekk ir-reġim ma jiġix imwaqqaf, it-tieni valutazzjoni għandha tiġi ppreżentata wara ħames snin.

Emenda 130

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jintemm.	(e) jintemm, u l-permessi kollha li ngħataw skont l-Artikoli 3, 4, 5, 7, 8, 8a, u 9 jiġu rtirati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur jissuġġerixxi "waqfien immedjat", u l-permessi jiskadu awtomatikament ladarba r-reġim pilota jintemm.

Emenda 131

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fir-rapport tagħha bbażat fuq ir-rapport tal-ESMA riċevut minn... [ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] f'konformità mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tagħmel rakkomandazzjoni biex jew tagħmel ir-reġim għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT permanenti b'emendi jew mingħajrhom f'konformità mal-punt (d) jew titterminah f'konformità mal-punt (e).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk ir-reġim pilota ma jiġix terminat wara tliet snin, il-Kummissjoni għandha wara ħames snin jew tagħmlu permanenti b'emendi jew mingħajrhom, jew titterminah.

Emenda 132

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi favur estensjoni skont il-punt (a), hija għandha titlob lill-ESMA tippreżenta, mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem il-perjodu ta' estensjoni stabbilit fil-punt (a), rapport fis-sens tal-paragrafu 1. Malli tirċievi dak ir-rapport mill-ESMA, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport f'konformità ma' dan il-paragrafu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk ir-reġim pilota ma jiġix itterminat wara tliet snin, il-Kummissjoni għandha wara ħames snin jew tagħmlu permanenti b'emendi jew mingħajrhom, jew titterminah.

Emenda 133

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-ESMA għandha tipprovdi rapporti interim bil-ħsieb li tipprovdi lill-parteċipanti fis-suq b'informazzjoni dwar il-funzjonament tas-swieq, tindirizza l-imġiba ħażina tal-operaturi, tipprovdi kjarifiki dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-atti ta' implimentazzjoni tiegħu u taġġorna l-indikazzjonijiet preċedenti abbażi tal-evoluzzjoni tad-DLT. Dawn ir-rapporti għandhom jiġu ppubblikati kull sena. L-ewwel rapport għandu jiġi ppubblikat [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Ġustifikazzjoni

The draft Regulation requires ESMA to submit a detailed report on the DLT pilot regime to the Commission only after a period of five years, at the latest. Your Rapporteur considers the five-year period too long given the rapid evolution of technology and financial innovation. He suggests to have more frequent information on the evolution of the DLT pilot regime, thus allowing operators of DLT market infrastructures to understand whether they need to review their activities. Annual interim reports seem appropriate to help understand possible adjustments to the pilot regime based on the evolution of technology and first experiences.

Emenda 134

Proposta għal regolament
Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	Eżerċizzju tad-delega
	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(5a) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' sitt snin minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
	3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 3(5a) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
	4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
	5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
	6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(5a) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu, it-tnejn li huma,

infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-att delegat miżjud mal-Artikolu 3(5a) huwa meħtieġ li jiġi inkluż artikolu dwar l-eżerċizzju tad-delega.

NOTA SPJEGATTIVA

1. Sfond

Bħala parti mill-pakkett tagħha dwar il-Finanzi Diġitali, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat abbozz ta' Regolament dwar reġim pilota għall-istrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija tar-reġistru distribwit (ir-"Reġim Pilota tad-DLT").

Ir-Regolament propost għandu l-għan li jipprovdi mekkaniżmu li jippermetti lill-infrastrutturi tas-suq jesperimentaw b'ċertu użu ristrett tad-DLT. B'mod aktar speċifiku, id-ditti diġà awtorizzati biex joperaw infrastrutturi tas-suq speċifiċi se jitħallew japplikaw għal eżenzjonijiet temporanji speċifiċi minn ċerti restrizzjonijiet u rekwiżiti fil-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji, u b'hekk jitħallew jirristrutturaw l-attivitajiet tagħhom bl-użu tad-DLT.

L-esperjenza u l-fehim miksuba mill-awtoritajiet superviżorji fir-rigward tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali tal-UE fil-qasam tas-servizzi finanzjarji għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq id-DLT huma mistennija li jiffurmaw bażi informattiva għall-iżviluppi leġiżlattivi futuri.

2. Proċedura fil-Parlament Ewropew

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) inħatar bħala l-Kumitat ewlieni biex jittratta l-proposta.

3. L-Abbozz ta' Rapport

Ir-Rapporteur huwa tal-fehma li d-DLT tista' ġġib għadd ta' benefiċċji potenzjali fil-provvista ta' servizzi finanzjarji, inkluż tnaqqis fil-kumplessità, titjib fil-veloċità tal-ipproċessar minn tarf sa tarf, aktar trasparenza u immutabbiltà fiż-żamma tar-rekords tat-tranżazzjonijiet, tisħiħ tar-reżiljenza tan-network permezz tal-ġestjoni tad-data distribwita, u tnaqqis fir-riskji operattivi u finanzjarji. Sabiex jitrawwem l-iżvilupp ta' proġetti tad-DLT b'suċċess fil-livell Ewropew, huwa jqis li huwa essenzjali għall-UE li tadotta approċċ ambizzjuż f'dan ir-rigward.

Ir-Rapporteur għalhekk jappoġġa l-objettivi ġenerali tar-Regolament propost, jiġifieri:

(i) li jipprovdi ċertezza tad-dritt billi jiġu stabbiliti rekwiżiti uniformi għat-tħaddim ta' infrastrutturi tas-suq tad-DLT;
(ii) li jappoġġa l-innovazzjoni billi jneħħi l-ostakli għall-applikazzjoni tad-DLT fis-settur finanzjarju, u b'hekk l-infrastrutturi tas-suq u r-regolaturi jkunu jistgħu jiksbu esperjenza f'dan ir-rigward;
(iii) li jiżgura l-protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur u l-integrità tas-suq billi jipprovdi superviżjoni u kooperazzjoni xierqa tal-ESMA u tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti; u
(iv) li jiżgura l-istabbiltà finanzjarja billi jiġu stabbiliti salvagwardji xierqa, inkluż billi jiġi limitat id-daqs tar-Reġim Pilota u t-tipi ta' strumenti finanzjarji li jistgħu jiġu nnegozjati jew irreġistrati.

Fl-istess ħin, madankollu, ir-Rapporteur huwa tal-opinjoni li, sabiex jintlaħqu l-objettivi msemmija hawn fuq, il-proposta tal-Kummissjoni tista' tiġi emendata b'mod pożittiv, fejn

ingħatat attenzjoni speċjali għal:

(i) il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament propost, f'termini tar-rekwiżiti għall-entitajiet permessi li jipparteċipaw fir-reġim, il-limitazzjonijiet fuq titoli trasferibbli tad-DLT li jistgħu jiġu ammessi għan-negozjar l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT fuq jew irreġistrati minnhom, u l-kapitalizzazzjoni tas-suq (tentattiv) tal-emittenti ta' titoli trasferibbli tad-DLT;

(ii) il-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, kemm bejn l-entitajiet li jitħallew jipparteċipaw fir-Reġim Pilota tad-DLT kif ukoll fil-livell tas-superviżjoni regolatorja madwar l-Istati Membri;

(iii) il-ħtieġa li tiġi żgurata l-proporzjonalità billi titħalla flessibbiltà adegwata lis-superviżuri, u billi jiġu previsti dispożizzjonijiet xierqa rigward it-tranżizzjoni mill-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jew l-istralċ tagħhom.

Ir-Rapporteur jenfasizza li dan l-abbozz ta' rapport jikkostitwixxi biss punt tat-tluq għall-ħidma tal-Kumitat ECON fuq ir-Regolament dwar ir-Reġim Pilota tad-DLT. Huwa jistenna bil-ħerqa l-kontributi tax-shadow rapporteurs u jirrimarka wkoll li, filwaqt li fid-data tal-preżentazzjoni ta' dan l-abbozz ta' rapport l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) dwar l-abbozz ta' Regolament kienet għadha pendenti, huwa biħsiebu jqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-BĊE meta jelabora l-kompromessi kemm fi ħdan il-Kumitat ECON kif ukoll matul in-negozjati tat-trilogu mal-Kunsill.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-Rapporteur jilqa' l-abbozz ta' Regolament u jissuġġerixxi li jissaħħu xi elementi tal-proposta tal-Kummissjoni permezz tal-modifiki ewlenin li ġejjin.

3.1. Kamp ta' applikazzjoni

L-abbozz ta' Regolament jipprevedi limiti f'termini kemm tal-limiti finanzjarji kif ukoll tal-istrumenti li jistgħu jiġu aċċettati taħt ir-Reġim Pilota tad-DLT; Ir-Rapporteur jirrikonoxxi tabilħaqq l-adegwatezza, l-importanza u l-ħtieġa ta' limiti, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja, il-protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur, u l-integrità tas-suq. Filwaqt li jżomm f'moħħu dawn l-objettivi, huwa jissuġġerixxi li jiġu aġġustati kemm l-istrumenti kif ukoll il-limiti individwali, filwaqt li jinżamm il-livell limitu aggregat propost mill-Kummissjoni.

Fir-rigward tal-entitajiet li jitħallew joperaw fi ħdan ir-Reġim Pilota tad-DLT, ir-Rapporteur iqis li, filwaqt li r-reġim għandu tabilħaqq ikun ristrett għall-infrastrutturi tas-suq, jiġifieri l-faċilitajiet multilaterali tan-negozjar (MTFs) u s-Servizzi ta' Saldu tat-Titoli (SSSs), huwa xieraq li jiġu imposti rekwiżiti aktar stretti fuq l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT li jridu jikkombinaw kemm ir-rwoli tan-negozjar kif ukoll dawk ta' wara n-negozjar. Barra minn hekk, huwa jissuġġerixxi formulazzjoni teknoloġikament newtrali fir-rigward tat-tipi ta' DLTs li jistgħu jintużaw mill-infrastrutturi tas-suq.

Limiti finanzjarji

Filwaqt li l-limitu aggregat għall-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT propost

mill-Kummissjoni jidher li jiżgura l-ekwilibriju xieraq bejn il-faċilità tal-innovazzjoni u l-protezzjoni kontra r-riskji li jistgħu jipperikolaw l-istabbiltà finanzjarja, il-protezzjoni tal-investitur u l-integrità tas-suq, il-limiti finanzjarji individwali proposti se jinkludu l-maġġoranza tal-ishma u l-bonds attwalment disponibbli fis-suq tat-titoli. Ir-Rapporteur iqis li huwa meħtieġ approċċ aktar prudenti biex jintlaħaq l-objettiv imsemmi hawn fuq, u jippreferi limiti individwali ferm aktar baxxi. B'mod aktar speċifiku, huwa jissuġġerixxi l-kapitalizzazzjoni (tentattiva) tas-suq tal-emittent ta' titoli trasferibbli tad-DLT tkun anqas minn EUR 50 miljun kemm għall-ishma kif ukoll għall-bonds; Ir-Reġim Pilota tad-DLT jista' għalhekk jitqies bħala strument utli li għandu l-għan li jgħin jelimina id-distakk fil-finanzjament tal-SMEs.

Titoli ammissibbli

Ir-Rapporteur jirrikonoxxi l-ħtieġa għal restrizzjonijiet fuq it-tipi ta' titoli li għandhom jiġu ammessi fi ħdan ir-Reġim Pilota tad-DLT. Madankollu, huwa ma jarax raġuni fundamentali għall-projbizzjoni tal-infrastrutturi tas-suq milli jammettu bonds sovrani għan-negozjar jew jirreġistrawhom f'reġistru distribwit. Il-ministeri tal-Finanzi għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu l-mekkaniżmu ta' ħruġ preferut tagħhom, u r-Reġim propost m'għandux jirriżulta f'investimenti li jiċċaqalqu mis-swieq tal-bonds sovrani għas-swieq tal-bonds korporattivi, peress li dan jista' joħloq kundizzjonijiet żvantaġġużi għall-emittenti tal-bonds sovrani. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat li l-prodotti jkunu biżżejjed attraenti, anki għall-investituri istituzzjonali, ir-Rapporteur jissuġġerixxi l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Reġim Pilota tad-DLT bl-inklużjoni tal-unitajiet ta' fond negozjat fil-borża (ETF) tad-DLT.

Formulazzjoni newtrali mil-lat teknoloġiku dwar l-użu tad-DLTs.

Il-formulazzjoni fil-proposta tal-Kummissjoni tista' tidher li timponi l-użu ta' DLTs speċifikati użati b'mod uniku minn infrastrutturi tas-suq speċifiċi li joperaw fi ħdan ir-Reġim Pilota, jiġifieri DLT proprjetarja. Ir-Rapporteur jissuġġerixxi approċċ aktar newtrali, filwaqt li jagħmilha ċara li r-responsabbiltà għall-funzjonament ta' kwalunkwe DLT partikolari għandha dejjem tibqa' tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT, irrispettivament mit-tip ta' DLT li tħaddem. B'mod aktar ġenerali, ir-Rapporteur jaqbel mal-Kummissjoni li l-ammissjoni għall-parteċipazzjoni fir-Reġim Pilota għandha tkun ristretta għall-infrastrutturi tas-suq. Fl-istess ħin, huwa jissuġġerixxi l-ħolqien ta' tip ġdid ta' infrastruttura tas-suq għall-operaturi li jridu jikkombinaw kemm ir-rwoli tan-negozjar kif ukoll dawk ta' wara n-negozjar (ara taħt il-punt 3.2. hawn taħt).

3.2 Kundizzjonijiet ekwivalenti

Ir-Rapporteur jenfasizza li r-Reġim Pilota tad-DLT jiffoka esklużivament fuq l-infrastrutturi tas-suq. Filwaqt li l-ambjenti kompetittivi bejn entitajiet attivi ġewwa u barra r-Reġim Pilota inevitabbilment se jkunu differenti, hemm lok għal titjib ta' ċerti dispożizzjonijiet fil-proposta tal-Kummissjoni sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ġenwini bejn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT li jikkompetu fir-Reġim Pilota, filwaqt li jitqies il-prinċipju fundamentali ta' "l-istess attività, l-istess riskji, l-istess regoli".

Ir-Rapporteur sab ispirazzjoni f'dan ir-rigward fir-rapport fuq inizjattiva proprja tal-Parlament Ewropew dwar "Il-Finanzi Diġitali: riskji emerġenti relatati mal-kriptoassi - sfidi regolatorji u superviżorji fil-qasam tas-servizzi, l-istituzzjonijiet u s-swieq finanzjarji" 2020/2034(INL).

Dan ir-rapport fil-fatt jenfasizza li l-prinċipju fundamentali msemmi hawn fuq għandu jiġi rifless fi kwalunkwe miżura meħuda fil-livell tal-Unjoni fil-qasam tal-Finanzi Diġitali.

Kundizzjonijiet ekwivalenti bejn l-MTFs tad-DLT u l-SSSs tad-DLT

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi l-possibbiltà li l-MTFs tad-DLT iwettqu attivitajiet tas-CSD taħt ir-Reġim Pilota, iżda ma tagħtix lill-SSSs tad-DLT opportunità ugwali biex iwettqu attivitajiet tal-MTF. Barra minn hekk, bħalissa huwa previst li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT isegwu regoli differenti meta jwettqu l-istess attività. Sabiex jiġu evitati kundizzjonijiet mhux ekwivalenti bejn dawn iż-żewġ tipi ta' infrastrutturi tas-suq tad-DLT, ir-Rapporteur jissuġġerixxi approċċ simetriku, li jirrikjedi tliet bidliet kritiċi:

(i) MTF tad-DLT li tagħmel servizzi ta' saldu trid issegwi l-istess rekwiżiti bħal SSS tad-DLT;

(ii) SSS tad-DLT għandha titħalla twettaq ir-rwoli ta' MTF tad-DLT;
u

(iii) tip ġdid ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT għat-twettiq ta' rwoli kemm ta' negozjar kif ukoll ta' wara n-negozjar, imsejjaħ "Sistema ta' Negozjar u ta' Saldu tad-DLT" ("TSS tad-DLT"), trid tkun liċenzjata kemm taħt il-MiFID II (għas-servizzi tagħha ta' negozjar) kif ukoll taħt is-CSDR (għas-servizzi tagħha ta' saldu/nutar/kustodja). Bl-emendar konsegwenti tal-proposta tal-Kummissjoni, l-arranġamenti tar-reġim pilota għall-MTFs tad-DLT u l-SSSs tad-DLT li jikkombinaw is-servizzi ta' negozjar u ta' saldu se jirriflettu eżattament lil xulxin. Vantaġġ ieħor ta' dan l-approċċ huwa li jimxi mal-prijoritajiet importanti tal-UE ta' regolamentazzjoni aħjar u simplifikazzjoni.

Kooperazzjoni u superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-ESMA

Fil-proposta tal-Kummissjoni, l-ESMA hija meħtieġa toħroġ opinjoni mhux vinkolanti qabel ma awtorità nazzjonali kompetenti tkun tista' tagħti permess lil infrastruttura prospettiva tas-suq tad-DLT. Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti differenti madwar l-Unjoni u b'hekk jitrawmu kundizzjonijiet ekwivalenti, ir-Rapporteur jissuġġerixxi minflok li l-ESMA toħroġ rakkomandazzjoni. Għad-differenza ta' opinjoni tal-ESMA, rakkomandazzjoni tal-ESMA hija bbażata fuq approċċ ta' "jew tikkonforma jew tispjega", skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 (ir-Regolament ESMA).

3.3. Valutazzjoni tal-ħruġ bikri

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi durata tar-Reġim Pilota ta' ħames snin, u wara dan il-Kummissjoni, abbażi tal-parir mill-ESMA, se tkun meħtieġa tagħmel valutazzjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji tal-estensjoni tar-reġim dwar l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT għal perjodu ta' żmien ieħor, testendih għal tipi ġodda ta' strumenti finanzjarji, u tagħmlu permanenti b'modifiki jew mingħajrhom, jew titterminah. Fid-dawl tal-pass mgħaġġel tal-innovazzjonijiet teknoloġiċi f'ċerti tipi ta' attivitajiet, ir-Rapporteur huwa tal-opinjoni li l-perjodu ta' ħames snin huwa twil wisq u jirriskja li jħalli lill-parteċipanti fis-suq b'ċertezza regolatorja insuffiċjenti fuq perjodu ta' żmien estiż. Huwa jiddubita wkoll li se jgħaddu ħames snin għall-parteċipanti tas-suq biex jiskopru x'tip ta' bidliet leġiżlattivi jkunu mixtieqa biex verament jinkoraġġixxu l-iżvilupp tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT. Għalhekk, huwa jipproponi li l-Kummissjoni, abbażi tal-parir mill-ESMA, għandha diġà tissottometti rapport ta' valutazzjoni tal-ħruġ bikri

dwar aġġustament jew twaqqif potenzjali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill wara tliet snin. Jekk ir-reġim ma jiġix imwaqqaf dak iż-żmien, għandu jiġi ppreżentat rapport finali wara ħames snin, kif attwalment previst fil-proposta.

Barra minn hekk, huwa mistenni li, aktar ma tkun twila d-durata tar-reġim pilota, aktar m'hu probabbli li se jinqabżu l-limiti finanzjarji, u aktar m'hu se jkun kbir kwalunkwe sforz ta' tranżizzjoni potenzjali għal reġim b'karattru aktar permanenti. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-Rapporteur jipproponi li l-Kummissjoni tingħata, abbażi ta' parir mill-ESMA, id-diskrezzjoni li taġġusta ċerti limiti permezz ta' att delegat. Kwalunkwe deċiżjoni bħal din għandha tkun ibbażata fuq reviżjonijiet perjodiċi preċedenti.